MT 2024

06

Rapport Speċjali

Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija

Ta’ benefiċċju għar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti, iżda l-impatt u s-sostenibbiltà għadhom mhumiex żgurati



CURIA RATIONUM

QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

Paragrafu

Sommarju eżekuttiv **I - X**

Introduzzjoni **01 - 09**

Ambitu u approċċ tal-awditjar **10 - 15**

Osservazzjonijiet **16 - 108**

Il-Kummissjoni tejbet il-funzjonament tal-FRIT billi implimentat ir-rakkomandazzjonijiet li għamilna fl-2018 **16 - 33**

Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-2018 qiegħdet fokus aktar qawwi fuq l-infrastruttura muniċipali u l-appoġġ soċjoekonomiku **18**

Il-Kummissjoni naqqset l-għadd ta' strumenti ta' finanzjament, u dan irrazzjonalizza l-għajnuna u tejjeb il-koordinazzjoni **19 - 20**

Il-Kummissjoni qed taħdem gradwalment biex tittrasferixxi l-proġetti lill-awtoritajiet Torok **21 - 24**

Il-Kummissjoni tejbet sinifikattivament l-effiċjenza tal-proġetti ta' assistenza fi flus kontanti **25 - 26**

Il-Kummissjoni ppruvat ittejjeb l-ambjent operazzjonali għall-NGOs (internazzjonali), iżda r-riżultati huma limitati **27 - 28**

Il-Kummissjoni tejbet il-qafas ta' monitoraġġ **29 - 33**

Il-proġetti kkampjunati indirizzaw il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji, iżda ddewmu, u l-kostijiet tagħhom ma ġewx ivvalutati b'mod sistematiku **34 - 63**

Il-proġetti ġew approvati b'mod f'waqtu u indirizzaw il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji **35 - 48**

L-implimentazzjoni tal-proġetti ddewmet b'mod sinifikanti għal diversi raġunijiet **49 - 53**

Il-Kummissjoni ma vvalutatx sistematikament jekk il-kostijiet tal-proġetti kinux raġonevoli **54 - 63**

L-outputs ippjanati sa issa twasslu, iżda l-impatt u s-sostenibbiltà tagħhom mhumiex suffiċjentement indirizzati **64 - 108**

Għalkemm il-proġetti wasslu l-outputs, kien hemm fokus limitat fuq l-impatt **65 - 86**

Il-Kummissjoni rreaġiet malajr biex tindirizza l-impatt tat-terremoti fuq il-proġetti tal-FRIT **87 - 97**

Il-Kummissjoni żgurat is-sostenibbiltà tal-proġetti ta' infrastruttura, iżda mhux tal-appoġġ soċjoekonomiku; is-sostenibbiltà tal-proġetti ewlenin tagħha dwar l-edukazzjoni u s-saħħa għadha mhix garantita **98 - 108**

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet **109 - 116**

Annessi

Anness I – Diżaggregazzjoni tar-refuġjati Sirjani u tal-applikanti għall-ażil fit-Turkija f'Diċembru 2023, skont il-provinċja

Anness II – Kontribuzzjonijiet għall-faċilità mill-UE, l-Istati Membri u r-Renju Unit

Anness III – Proġetti ta' żvilupp tal-FRIT

Anness IV – Nuqqas ta' aċċess għad-*data* dwar l-edukazzjoni

Anness V – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tar-Rapport Speċjali 27/2018

Anness VI – Awditu tas-sistema ta' ġestjoni tad-*data*

Anness VII – Dewmien fl-implimentazzjoni

Anness VIII – Valutazzjoni tal-proġetti

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

Sommarju eżekuttiv

I Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija hija r-rispons tal-UE għall-appell tal-Kunsill Ewropew biex jingħata finanzjament addizzjonali sinifikanti għall-appoġġ tar-refuġjati fit-Turkija. Hija mekkaniżmu għall-koordinazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni ta' kontribuzzjoni ta' EUR 6 biljun mill-UE u mill-Istati Membri tagħha. L-appoġġ ikopri l-attivitajiet umanitarji u dawk ta' żvilupp. Il-Faċilità hija maħsuba biex issaħħaħ l-effiċjenza u l-komplementarjetà tal-appoġġ li jingħata lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fit-Turkija.

II Eżaminajna l-ġestjoni tal-Faċilità min-naħa tal-Kummissjoni u vvalutajna jekk il-fondi ntużawx b'mod effiċjenti u effettiv biex jappoġġaw lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti. Wettaqna segwitu wkoll tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport speċjali tagħna mill-2018, li kien jiffoka fuq il-fergħa umanitarja tal-FRIT. Għażilna li nawditjaw il-Faċilità billi l-ispostament kontinwu tar-refuġjati Sirjani, u l-għadd dejjem akbar ta' wasliet irregolari fit-Turkija mill-Afganistan, qed joħolqu sfidi dejjem akbar għall-koeżjoni soċjali bejn ir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti tagħhom, speċjalment fil-kuntest tar-reċessjoni ekonomika fit-Turkija. Dan ir-rapport għandu l-għan li jipprovdi input siewi għall-Kummissjoni u se jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-għodod ta' monitoraġġ tal-Faċilità.

III B'mod ġenerali, sibna li, f'kuntest diffiċli, il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija pprovdiet appoġġ rilevanti lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti u li l-Kummissjoni kienet implimentat ir-rakkomandazzjonijiet li għamilna fl-2018. Il-proġetti eżaminati indirizzaw il-ħtiġijiet tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti fid-diversi setturi ta' prijorità, iżda għal raġunijiet varji l-implimentazzjoni tagħhom iddewmet b'mod sinifikanti u l-kostijiet tal-proġetti ma ġewx ivvalutati b'mod sistematiku. Għalkemm l-outputs ippjanati kienu twasslu, il-kejl tal-impatt tal-Faċilità kien insuffiċjenti u sa issa s-sostenibbiltà ġiet żgurata biss għall-proġetti ta' infrastruttura, iżda mhux għal xi proġetti fis-setturi tal-edukazzjoni, tas-saħħa u tal-appoġġ soċjoekonomiku.

IV Il-finanzjament mill-Faċilità żgura l-allokazzjoni rapida ta' riżorsi finanzjarji u investiment sostanzjali biex tittaffa l-pressjoni fuq l-infrastruttura eżistenti tas-saħħa, tal-edukazzjoni u muniċipali kkawżata mill-influss għoli ta' refuġjati. Il-biċċa l-kbira mill-proġetti ġew approvati b'mod f'waqtu.

V Il-Kummissjoni implimentat il-proġetti permezz ta' ġestjoni diretta u indiretta, u permezz ta' diversi tipi ta' sħab ta' implimentazzjoni. Sibna dgħufijiet fil-valutazzjoni tal-kostijiet tal-proġetti li twettqet mill-Kummissjoni, billi ma vvalutatx sistematikament ir-raġonevolezza tal-kostijiet, ma qabblitx kostijiet simili bejn proġetti differenti jew ma kkalkulatx il-kost għal kull benefiċjarju.

VI B'mod ġenerali, l-outputs ippjanati fid-diversi setturi kienu twasslu. Madankollu, fis-settur tal-edukazzjoni ma kienx possibbli li jiġi vvalutat l-impatt tal-finanzjament mill-Faċilità fuq l-integrazzjoni u s-suċċess tat-tfal refuġjati fis-sistema edukattiva Torka. Lanqas ma stajna nivvalutaw l-impatt tal-kostruzzjoni tal-iskejjel fuq il-benefiċjarji. Dan kien dovut għal-limitazzjonijiet fid-*data* pprovduta mill-Ministeru Tork għall-Edukazzjoni Nazzjonali.

VII Il-Kummissjoni stabbiliet miżuri xierqa biex timmonitorja l-proġetti ffinanzjati mill-Faċilità. Madankollu, l-oqfsa ta' rappurtar u monitoraġġ kienu ġeneralment imfassla biex ikejlu l-outputs aktar milli l-eżiti. Għalhekk ma setgħux ikejlu l-impatt tal-proġetti, b'mod partikolari dawk fis-settur soċjoekonomiku.

VIII It-terremoti ta' Frar 2023 kellhom impatt sinifikanti fuq l-implimentazzjoni tal-proġetti ffinanzjati mill-Faċilità. Madankollu, il-Kummissjoni aġixxiet malajr u b'mod effiċjenti biex tanalizza dan l-impatt.

IX Il-Kummissjoni setgħet tiżgura s-sostenibbiltà tal-proġetti ta' infrastruttura. Madankollu, il-proġetti f'setturi oħra ma kinux jinkludu strateġija ta' sostenibbiltà, għalhekk is-sostenibbiltà tagħhom hija inqas ċerta. Għalkemm sar titjib mill-2018 'il hawn, nikkonkludu li l-Faċilità xorta setgħet tikseb valur akbar għall-flus u impatt dimostrabbli.


X Ir-rapport jagħmel erba' rakkomandazzjonijiet bl-għan li tittejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-azzjonijiet futuri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- ittejjeb il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-kostijiet;
- tiġbor *data* dwar l-edukazzjoni mingħand l-awtoritajiet Torok rigward ir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti;
- ittejjeb il-kejl tal-impatt tal-proġetti;
- issaħħaħ is-sostenibbiltà tal-proġetti.

Introduzzjoni

01 Il-pożizzjoni ġeografika tat-Turkija tagħmilha pajjiż importanti għall-akkoljenza u t-tranżitu ta' refuġjati li jkunu sejrin lejn l-Ewropa. B'popolazzjoni totali ta' madwar 87 miljun, bħalissa tospita aktar minn 4 miljun refuġjat irreġistrat, inklużi aktar minn 3.2 miljun ta' oriġini Sirjana (ara l-***Figura 1*** u l-***Anness I***) u aktar minn 320 000 mill-Afganistan, l-Iraq u l-Iran. Billi inqas minn 5 % tar-refuġjati qed jgħixu f'kampijiet, il-preżenza tagħhom għandha impatt sinifikanti fuq il-komunitajiet lokali, speċjalment fil-provinċji qrib il-fruntiera Sirjana u madwar iċ-ċentri urbani prinċipali.

Figura 1 – Distribuzzjoni ta' Sirjani taħt protezzjoni temporanja, skont is-sena



Nota: id-*data* tikkonċerna biss ir-refuġjati Sirjani rreġistrati.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Presidenza tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni, it-Turkija.

02 Il-Faċilità tal-UE għar-Refuġjati fit-Turkija (FRIT) ġiet stabbilita fi tmiem l-2015[1] b'rispons għas-sejħa tal-Istati Membri għal finanzjament addizzjonali sinifikanti bħala appoġġ għar-refuġjati fil-pajjiż. L-għan tagħha huwa li tipprovdi lill-UE b'mekkaniżmu ta' koordinazzjoni, iffinanzjat mill-baġit tal-UE u mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, għall-mobilizzazzjoni rapida, effettiva u effiċjenti tal-assistenza għar-refuġjati fit-Turkija. Din l-assistenza hija kundizzjonali fuq l-aderenza tat-Turkija mal-pjan ta' azzjoni konġunt UE-Turkija, maqbul f'Ottubru 2015[2], u fuq id-dikjarazzjoni UE-Turkija tal-2016[3].

03 Il-Faċilità ġiet implimentata fil-kuntest tad-deterjorament fir-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u t-Turkija mill-2016 'il hawn. L-UE imponiet sanzjonijiet u restrizzjonijiet fuq it-Turkija minħabba r-rigress tal-pajjiż fir-rigward tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, id-deterjorament tar-relazzjonijiet tiegħu ma' ċerti Stati Membri tal-UE u l-attivitajiet tiegħu ta' tħaffir mhux awtorizzat fil-Lvant tal-Mediterran. Barra minn hekk, ma saret l-ebda laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u t-Turkija mill-2019 'il hawn.

04 B'kollox, l-FRIT tikkoordina EUR 6 biljun, magħmula disponibbli f'żewġ segmenti indaqs fil-perjodi 2016-2017 u 2018-2019 rispettivament. Il-baġit operazzjonali ġie allokat u kkuntrattat bis-sħiħ, u ġew żborżati aktar minn EUR 5 biljun (ara l-***Figura 2***). Nofs is-EUR 6 biljun ġej mill-baġit tal-UE, u n-nofs l-ieħor mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri (ara l-***Anness II***).


---

1 C (2015) 9500, 24.11.2015.

2 Pjan ta' azzjoni konġunt UE-Turkija, Ottubru 2015

3 Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016.

Figura 2 – Qsim fl-għajnuna umanitarja u l-għajnuna għall-iżvilupp għal kull segment (ammonti impenjati f'Diċembru 2023)




Nota: id-differenzi żgħar fit-totali huma dovuti għall-ittondjar.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

05 L-ewwel segment ta' finanzjament appoġġa proġetti fl-oqsma ta' prijorità tal-assistenza umanitarja (ħtiġijiet bażiċi), l-edukazzjoni, is-saħħa, l-infrastruttura muniċipali u l-appoġġ soċjoekonomiku, li inizjalment kienu mistennija li jibqgħu għaddejjin sa mhux aktar tard minn nofs l-2021. Madankollu, id-data ta' skadenza għal dan is-segment ġiet sussegwentement estiża sa Ġunju 2025 (ara l-***Anness III***). Minħabba n-natura mtawla tal-kriżi Sirjana, il-proġetti taħt it-tieni segment iffukaw dejjem aktar fuq l-attivitajiet ta' appoġġ soċjoekonomiku u l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' għajxien, iżda mingħajr ma ttraskuraw il-ħtiġijiet umanitarji persistenti. L-implimentazzjoni tal-proġetti tal-FRIT intlaqtet ukoll sinifikattivament mit-terremoti ta' Frar 2023.

06 L-UE tkompli tappoġġa wkoll lir-refuġjati fit-Turkija b'mezzi oħra minbarra l-FRIT. Matul il-perjodu 2017-2023, l-UE allokat madwar EUR 2 biljun f'finanzjament regolari mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u EUR 535 miljun permezz ta' għajnuna umanitarja (ara l-***Figura 3***). Barra minn hekk, il-Kummissjoni żgurat il-kontinwazzjoni tal-interventi ewlenin tal-FRIT permezz ta' allokazzjoni addizzjonali ta' EUR 3 biljun għall-perjodu 2021-2023 (taħt l-IPA III, l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI – Ewropa Globali), l-Istrument għall-Għajnuna Umanitarja (HUMA) u l-istrumenti mmaniġġjati mid-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (HOME)).

Figura 3 – Finanzjament mill-UE biex jiġu appoġġati r-refuġjati fit-Turkija fil-perjodu 2017-2023



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

07 Skont il-Kummissjoni[4], il-prinċipji ewlenin li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-FRIT huma l-ħeffa, l-effiċjenza u l-effettività, filwaqt li tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba. Is-sostenibbiltà tal-interventi tal-FRIT u s-sjieda konġunta mill-awtoritajiet Torok huma wkoll ta' importanza kbira.

[4] Is-Sitt Rapport Annwali dwar il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija, p. 7.

08 L-FRIT hija rregolata minn kumitat ta' tmexxija, li jipprovdi gwida strateġika; jistabbilixxi prijoritajiet ġenerali; jiddetermina t-tipi ta' azzjoni li għandhom jiġu appoġġati u l-istrumenti li għandhom jintużaw; japprova l-proġetti; u jikkoordina, jimmonitorja u jivvaluta l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet. Il-kumitat huwa ppresedut mid-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR) u għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (DĠ ECHO), u jinkludi rappreżentanti mill-Istati Membri tal-UE u mir-Renju Unit.

09 It-Turkija tattendi l-laqgħat f'funzjoni konsultattiva. Il-proġetti individwali jintgħażlu mill-Kummissjoni, wara valutazzjoni tal-ħtiġijiet, f'konformità mal-proċeduri applikabbli għall-istrumenti ta' finanzjament li għandhom jiġu mobilizzati. Dawn jistgħu jiġu implimentati, taħt ġestjoni indiretta, minn aġenziji tan-NU, organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), aġenziji tal-Istati Membri tal-UE għall-iżvilupp, organizzazzjonijiet internazzjonali jew istituzzjonijiet finanzjarji. L-awtoritajiet Torok jimplimentaw proġetti mhux umanitarji taħt il-ġestjoni diretta tal-Kummissjoni.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

10 Eżaminajna l-ġestjoni tal-FRIT min-naħa tal-Kummissjoni, bl-għan li nivvalutaw jekk il-fondi ntużawx biex jappoġġaw b'mod effiċjenti u effettiv lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti. B'mod aktar speċifiku, ivvalutajna jekk:

(a) Il-Kummissjoni kinitx implimentat is-sitt rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Speċjali 27/2018 tagħna (li jiffoka fuq il-fergħa umanitarja tal-FRIT) u jekk, b'dan il-mod, kinitx tejbet il-ġestjoni tal-FRIT.

(b) Il-Kummissjoni kinitx implimentat l-azzjonijiet ta' żvilupp b'mod effiċjenti. Ivvalutajna jekk il-Kummissjoni kinitx implimentat il-proġetti ta' żvilupp b'mod f'waqtu u analizzajna r-raġunijiet għad-dewmien, kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu. Eżaminajna wkoll jekk il-proġetti ta' żvilupp indirizzawx il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji, u jekk il-kostijiet tal-proġetti kinux raġonevoli.

(c) L-azzjonijiet ta' żvilupp tal-FRIT kinux laħqu l-objettivi tagħhom. Ivvalutajna jekk il-proġetti kinux kisbu l-outputs u r-riżultati mistennija tagħhom u kif dawn ikunu jiġu sostnuti. Barra minn hekk, ivvalutajna l-konsegwenzi tat-terremoti ta' Frar 2023 fuq il-proġetti tal-FRIT, u r-rispons tal-Kummissjoni.

11 Għażilna li nawditjaw l-FRIT billi l-ispostament kontinwu tar-refuġjati Sirjani, u l-għadd dejjem akbar ta' wasliet irregolari fit-Turkija mill-Afganistan, qed joħolqu sfidi dejjem akbar għall-koeżjoni soċjali bejn ir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti tagħhom, speċjalment fil-kuntest tar-reċessjoni ekonomika fit-Turkija. Wara t-terremoti ta' Frar 2023, l-isfidi u t-tensjonijiet madwar ir-refuġjati fit-Turkija kienu qed jiżdiedu saħansitra aktar. F'dan il-kuntest, ir-rapport tagħna għandu l-għan li jipprovdi input siewi għall-Kummissjoni biex ittejjeb l-effettività u l-effiċjenza tal-proġetti li għadhom qed jiġu appoġġati mill-finanzjament taħt l-FRIT jew mill-allokazzjoni addizzjonali ta' EUR 3 biljun. Barra minn hekk, se jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-għodod ta' monitoraġġ tal-Faċilità.

12 Aħna wettaqna l-awditu bejn Diċembru 2022 u Lulju 2023. Għażilna 14 (minn 47) proġett ta' żvilupp abbażi tal-materjalità tagħhom, u bl-għan li jiġu koperti l-oqsma ta' prijorità prinċipali tal-FRIT u t-tipi differenti ta' sħab ta' implimentazzjoni. Il-kampjun (l-***Anness III***) kien jinkludi proġetti li għadhom għaddejjin u dawk ikkompletati. Dan ippermettielna nivvalutaw il-ksib tal-outputs u l-eżiti, u nidentifikaw ir-raġunijiet għad-dewmien u n-nuqqasijiet, u nivvalutaw kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda mill-Kummissjoni, inkluża azzjoni biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tar-riżultati.

13 Il-finanzjament wara l-FRIT, f'ammont ta' EUR 3 biljun (ara l-paragrafu ***06***), ma ġiex direttament inkluż fl-ambitu tal-awditjar tagħna. Madankollu, tabilħaqq qisna dawn il-fondi meta eżaminajna s-sostenibbiltà tal-proġetti tal-FRIT iffinanzjati taħt it-tieni segment u l-impatt tat-terremoti ta' Frar 2023 fuq il-proġetti tal-FRIT.

14 L-awditu kien jinkludi analiżijiet mhux fuq il-post u intervisti ma' diversi dipartimenti tal-Kummissjoni, id-delegazzjoni tal-UE f'Ankara, xi rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE għall-kumitat ta' tmexxija, l-awtoritajiet Torok, is-sħab ta' implimentazzjoni, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (magħżula abbażi tal-involviment tagħhom fi proġetti tal-UE fit-Turkija) u l-benefiċjarji finali. Aħna żorna 13 mill-14-il proġett fil-kampjun tagħna matul il-missjoni fuq il-post li wettaqna f'Ġunju 2023.

15 Il-Ministeru Tork għall-Edukazzjoni Nazzjonali ma pprovdilniex *data* dwar l-għadd ta' tfal Sirjani u tfal mill-komunitajiet ospitanti għal kull skola (ara l-paragrafi ***69*** sa ***71***). Lanqas ma pprovdielna aċċess għal-lista ta' skejjel inklużi taħt il-proġett "Il-promozzjoni tal-Integrazzjoni tat-Tfal Sirjani fis-Sistema Edukattiva Torka" (PICTES), u lanqas għal *data* dwar ir-rata ta' suċċess tar-refuġjati meta mqabbla ma' dik tal-komunitajiet ospitanti jew l-għadd ta' tfal li ma kinux jattendu l-iskola u li ġew integrati mill-ġdid fis-sistema edukattiva bis-saħħa tal-appoġġ taħt il-PICTES (ara l-***Anness IV***). Dan jirrappreżenta limitazzjoni sinifikanti għall-awditu li wettaqna, billi jfisser li ma nistgħux nikkonkludu dwar l-impatt tal-proġetti edukattivi tal-FRIT ikkampjunati.

Osservazzjonijiet

Il-Kummissjoni tejbet il-funzjonament tal-FRIT billi implimentat ir-rakkomandazzjonijiet li għamilna fl-2018

16 Ivvalutajna jekk il-Kummissjoni kinitx implimentat ir-rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Speċjali 27/2018 u jekk, b'dan il-mod, kinitx tejbet il-ġestjoni tal-FRIT. Aħna konna rrakkomandajna li l-Kummissjoni:

(a) tindirizza aħjar il-ħtiġijiet tar-refuġjati għal infrastruttura muniċipali u appoġġ soċjoekonomiku;

(b) ittejjeb ir-razzjonalizzazzjoni u l-komplementarjetà tal-assistenza;

(c) timplimenta strateġija għat-tranżizzjoni minn assistenza umanitarja għal assistenza għall-iżvilupp;

(d) ittejjeb l-effiċjenza ta' proġetti ta' assistenza fi flus kontanti;

(e) tindirizza, flimkien mal-awtoritajiet Torok, il-ħtieġa li jsir titjib fl-ambjent operazzjonali għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi (internazzjonali);

(f) iżżid il-monitoraġġ u r-rappurtar.

17 Fil-paragrafi li ġejjin, nirrappurtaw dwar il-progress li sar mill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' hawn fuq (ara wkoll l-***Anness V***).

Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-2018 qiegħdet fokus aktar qawwi fuq l-infrastruttura muniċipali u l-appoġġ soċjoekonomiku

18 Meta mqabbla mal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għall-ewwel segment, il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet aġġornata tal-FRIT (ta' Novembru 2018) indirizzat aħjar il-ħtiġijiet li ġew identifikati fl-oqsma ta' prijorità "infrastruttura muniċipali" u "appoġġ soċjoekonomiku", u speċifikat f'aktar dettall l-azzjoni li għandha tittieħed. Kif irrakkomandajna, il-Kummissjoni stabbiliet allokazzjoni indikattiva tal-fondi għal kull qasam ta' prijorità, li ġiet maqbula bejn id-DĠ NEAR u d-DĠ ECHO. Il-Kummissjoni neħħiet ukoll il-ġestjoni tal-migrazzjoni bħala wieħed mill-oqsma ta' prijorità tal-FRIT fit-tieni segment, prinċipalment minħabba li l-finanzjament mill-IPA jkopri dan il-qasam barra mill-FRIT.

Il-Kummissjoni naqqset l-għadd ta' strumenti ta' finanzjament, u dan irrazzjonalizza l-għajnuna u tejjeb il-koordinazzjoni

19 It-tieni segment tal-FRIT qed jiġi implimentat permezz ta' żewġ strumenti, għall-kuntrarju ta' ħames strumenti matul l-ewwel segment. Dan għen biex tiġi razzjonalizzata l-għajnuna u rriżulta f'koordinazzjoni aħjar. Hemm diviżjoni ċara tal-finanzjament u r-responsabbiltajiet bejn id-DĠ NEAR u d-DĠ ECHO, li hija dokumentata fi pjan ta' implimentazzjoni konġunt u nota dwar l-iżvilupp sostenibbli.

20 Id-delegazzjoni tal-UE hija responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proġetti ta' żvilupp tal-FRIT fit-Turkija, filwaqt li l-Uffiċċju Lokali tad-DĠ ECHO huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proġetti umanitarji tal-FRIT. It-tnejn jikkoordinaw ma' donaturi oħra għal dan il-fini. Hemm laqgħat rikorrenti ta' koordinazzjoni mal-ambaxxati u mal-aġenziji għall-iżvilupp tal-Istati Membri tal-UE. Barra minn hekk, il-laqgħat tal-gruppi settorjali jsiru fit-Turkija għal kull qasam ta' intervent.

Il-Kummissjoni qed taħdem gradwalment biex tittrasferixxi l-proġetti lill-awtoritajiet Torok

21 Il-bidla fil-fokus bejn l-ewwel u t-tieni segment mill-għajnuna umanitarja għall-assistenza għall-iżvilupp kienet riflessa fl-investimenti addizzjonali fl-infrastruttura muniċipali, l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-attivitajiet ta' koeżjoni. Barra minn hekk, il-proġetti tal-FRIT taħt it-tieni segment ġew ipprogrammati u implimentati bl-għan li jappoġġaw l-attivitajiet umanitarji u dawk ta' żvilupp tal-awtoritajiet Torok fuq bażi fit-tul, b'enfasi fuq l-integrazzjoni sostenibbli tar-refuġjati.

22 Il-Kummissjoni ħejjiet nota dwar it-tranżizzjoni sostenibbli (Mejju 2019), li identifikat b'mod korrett li l-indirizzar tal-ħtiġijiet futuri se jirrikjedi aktar investiment mill-baġit nazzjonali Tork u minn donaturi oħra. Madankollu, id-delegazzjoni Torka fil-kumitat ta' tmexxija oġġezzjonat għat-terminu "tranżizzjoni sostenibbli", fejn sostniet li jenħtieġ li l-fokus minflok ikun fuq il-kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet mal-UE.

23 Fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' Marzu 2019, it-Turkija talbet appoġġ finanzjarju addizzjonali mill-UE ladarba ntemm it-tieni segment. Fil-bidu tal-2020, il-Kummissjoni qablet dwar segment addizzjonali ta' finanzjament umanitarju li jammonta għal EUR 535 miljun, li estenda l-proġett ewlieni tal-FRIT bl-isem ta' Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza (ESSN). Barra minn hekk, wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021, l-UE allokat EUR 3 biljun lir-refuġjati fit-Turkija għall-perjodu 2021-2023. Dan il-finanzjament addizzjonali jiżgura l-kontinwazzjoni tal-interventi ewlenin tal-FRIT.

24 B’mod parallel, u minkejja n-nuqqas ta’ rieda tat-Turkija, id-DĠ NEAR intensifika l-isforzi biex jimpenja lill-awtoritajiet Torok biex ikomplu jappoġġaw lir-refuġjati wara li tintemm l-FRIT. Il-proġetti umanitarji tat-Trasferiment Kundizzjonali ta’ Flus għall-Edukazzjoni (CCTE) u tal-ESSN ġew ittrasferiti mid-DĠ ECHO għad-DĠ NEAR rispettivament fl-2022 u f’Lulju 2023. Billi jsiru proġetti ta’ żvilupp, dawn il-proġetti jistgħu gradwalment jiġu ttrasferiti għand l-awtoritajiet Torok u integrati fis-sistemi nazzjonali tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni imponiet kriterji ta’ eliġibbiltà aktar stretti għall-benefiċjarji tal-assistenza fi flus kontanti, bl-għan li tagħti prijorità aħjar lil dawk l-aktar fil-bżonn.

Il-Kummissjoni tejbet sinifikattivament l-effiċjenza tal-proġetti ta’ assistenza fi flus kontanti

25 Il-Kummissjoni tejbet l-effiċjenza tal-proġetti ta’ assistenza fi flus kontanti billi naqqset il-perċentwal tal-kostijiet totali tal-proġetti li jistgħu jintalbu bħala kostijiet indiretti (massimu ta’ 7 %), waqqfet il-pagament ta’ tariffa għat-trasferiment ta’ flus kontanti lis-sieħeb ta’ implimentazzjoni lokali, u allinjat il-pagamenti ta’ prefinanzjament mal-ħtiġijiet tal-proġetti. Dawn l-isforzi żiedu l-effiċjenza tal-proġetti u wasslu għal iffrankar ta’ madwar EUR 65 miljun (ara l-***Figura 4***).


Figura 4 – Kostijiet indiretti u ffrankar ta' proġetti ta' assistenza fi flus kontanti

	ESSN 1	ESSN 2	ESSN 3	C-ESSN	
	Għajnuna umanitarja	*Għajnuna umanitarja*	*Għajnuna umanitarja*	*Għajnuna għall-iżvilupp*	
Sħab ta' Implimentazzjoni	Programm Dinji tal-Ikel	Programm Dinji tal-Ikel	Il-Federazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet tas-Salib l-Aħmar u n-Nofs Qamar l-Aħmar	Il-Ministeru għall-Familja, ix-Xogħol u s-Servizzi Soċjali	
Kostijiet ta' implimentazzjoni	329 393 590	940 219 285	1 179 844 231	231 919 727	
Kostijiet indiretti teoretiċi (7 % għal ESSN 1 u 6.5 % għal ESSN 2 u 3 u C-ESSN)	23 057 551	61 114 253	76 689 875	15 074 782	
Rata indiretta (reali)	**7.00 %**	**6.50 %**	**3.85 %**	**2.64 %**	
Kost Indirett Reali	23 057 551	61 114 253	45 405 769	6 122 681	135 700 254
Iffrankar ta' Kostijiet Indiretti (Teoretiċi – Reali)	-	-	31 284 106	8 952 101	40 236 207
Iffrankar tat-Tariffa għat-Trasferiment ta' Flus Kontanti	2 666 827	8 884 958	11 135 892	1 966 971	24 654 648
Iffrankar Totali	2 666 827	8 884 958	42 419 998	10 919 072	**64 890 855**

Didaskalija:

Kostijiet reali (f'EUR)
Kostijiet ibbaġitjati (f'EUR)

(ammonti f'miljun EUR)



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

26 Minħabba l-valur totali tal-proġetti, il-kostijiet indiretti baqgħu sinifikanti f'termini assoluti. Minkejja dan, nirrikonoxxu l-isforzi tal-Kummissjoni, li kisbet riżultati konkreti f'termini ta' ffrankar (ara l-***Kaxxa 1*** u l-paragrafu ***61***).

Kaxxa 1

Tnaqqis tal-limitu fuq il-kostijiet indiretti għat-tieni segment

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv bejn l-UE u n-NU jistabbilixxu massimu ta' 7 % tal-kostijiet indiretti. Biex ittejjeb l-effiċjenza tal-assistenza tagħha, f'Diċembru 2018 il-Kummissjoni nediet sejħiet għal proposti b'limitu ta' 4 % fuq il-kostijiet indiretti.

Wara dan, diversi aġenziji tan-NU ma applikawx għal proġetti ta' żvilupp taħt it-tieni segment tal-FRIT, jew inkella ddeċidew li japplikaw b'kostijiet indiretti ta' 7 %, u dan ifisser li l-applikazzjonijiet tagħhom tqiesu ineliġibbli.

Madankollu, il-limitu ta' 4 % ġie applikat b'mod trasparenti u ugwali għas-sħab potenzjali kollha. Għalhekk, il-Kummissjoni setgħet tikkuntratta l-proġetti kollha tal-FRIT (taħt it-tieni segment) ma' diversi sħab ta' implimentazzjoni b'dan il-limitu aktar baxx.

Il-Kummissjoni ppruvat ittejjeb l-ambjent operazzjonali għall-NGOs (internazzjonali), iżda r-riżultati huma limitati

27 Skont ir-rapport tal-pajjiż tal-Kummissjoni dwar it-Turkija[5], l-ambjent operazzjonali għall-NGOs (internazzjonali) iddeterjora mill-2018 'il hawn. Ir-rekwiżiti introdotti fil-liġi tal-2020[6] kontra l-finanzjament tal-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva ntużaw ripetutament mill-awtoritajiet Torok biex iqiegħdu fil-mira lill-organizzazzjonijiet indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, f'Ottubru 2021, il-Ministeru għall-Intern ħareġ ċirkolari li temenda l-liġi dwar l-assoċjazzjonijiet. Konsegwentement, ħafna NGOs tad-drittijiet tal-bniedem ġew suġġetti għal awditi, inklużi dawk li jirċievu fondi internazzjonali. Ir-rapport jesprimi l-fehma li l-liġi attwali dwar l-assoċjazzjonijiet hija għalhekk rigressjoni mil-liġi oriġinali tal-2004 u tipprovdi ħafna perkorsi għall-Ministeru għall-Intern biex iqiegħed fil-mira lill-NGOs.

---

[5] Il-Kummissjoni Ewropea, SWD(2023) 696, ir-Rapport tal-2023 dwar it-Turkija, p. 39.

[6] L-Artikoli 4, 9 u 13

28 Il-kwistjoni tal-funzjonament tal-NGOs ġiet indirizzata diversi drabi fil-laqgħat tal-kumitat ta' tmexxija, fil-laqgħat tal-Kunsill u fi djalogi politiċi ta' livell għoli, kif ukoll matul iż-żjarat mill-Kummissjoni fit-Turkija. Madankollu, dan ma wassalx għal eżitu pożittiv.

Il-Kummissjoni tejbet il-qafas ta' monitoraġġ

29 Il-Ministeru għall-Familja u s-Servizzi Soċjali pprovdielna aċċess għad-*data* dwar il-benefiċjarji ta' proġetti ta' assistenza fi flus kontanti fil-kuntest tax-xogħol tal-awditjar tagħna dwar id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni. Madankollu, għad hemm restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-sħab ta' implimentazzjoni, li jirrestringu l-għażliet ta' monitoraġġ tagħhom.

30 Il-qafas tar-riżultati rivedut, li l-Kummissjoni żviluppat f'konsultazzjoni mas-sħab ta' implimentazzjoni inklużi l-awtoritajiet Torok, sar operazzjonali f'Lulju 2020. L-analiżi li wettaqna tal-qafas u tar-rapporti biannwali tikkonferma t-titjib li sar mill-2018 'il hawn. Il-qafas ta' rappurtar jimmonitorja l-progress li sar lejn l-ilħuq tat-43 mira fis-seba' oqsma ta' prijorità tal-FRIT, bl-użu ta' 123 indikatur b'kollox.

31 Il-qafas tar-riżultati huwa mmaniġġjat mill-proġett "Appoġġ għall-Monitoraġġ ta' Azzjonijiet Iffinanzjati taħt il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija" (SUMAF). SUMAF jiġbor u jirrapporta *data* dwar il-prestazzjoni tal-FRIT, inkluż dwar l-istadji importanti u l-miri. Huwa jikseb din id-*data* mill-partijiet ikkonċernati tiegħu: id-DĠ ECHO, id-DĠ NEAR, id-delegazzjoni tal-UE u s-sħab ta' implimentazzjoni.

32 SUMAF żviluppa għodod għar-rappurtar dwar il-progress tal-FRIT u dwar ir-riżultati għall-istadji importanti u l-miri. L-ewwel nett, is-Sistema ta' Ġestjoni tad-*Data* tappoġġa lil SUMAF fil-ġestjoni u r-rappurtar tad-*data* dwar il-qafas tar-riżultati tal-FRIT, fl-ippjanar u t-twettiq ta' missjonijiet biex jiġu mmonitorjati l-azzjonijiet tal-FRIT, u fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn dawn il-missjonijiet. It-tieni, is-Sistema ta' Ġbir u Ġestjoni tad-*Data* tittraċċa l-istatus tal-proċess ta' rappurtar trimestrali u tipproduċi rapporti dwar il-progress tal-indikaturi. Barra minn hekk, hemm għodda għall-verifika tad-*data* li twettaq verifiki awtomatizzati dwar il-kompletezza u r-rilevanza tad-*data* riċevuta mingħand is-sħab ta' implimentazzjoni qabel ir-rappurtar.

33 Awditjajna s-sistema ta' informazzjoni ta' SUMAF biex niksbu aċċertament rigward l-affidabbiltà u l-kompletezza tal-informazzjoni rrappurtata permezz ta' SUMAF. B'mod partikolari, ivvalutajna l-kontrolli ġenerali tas-sistema u l-integrità, id-disponibbiltà u l-kunfidenzjalità tad-*data* li tinsab fis-sistema. Nikkonkludu li SUMAF għandu kontrolli adegwati fil-biċċa l-kbira mill-oqsma eżaminati. Madankollu, jeżistu dgħufijiet rigward il-ġestjoni tal-aċċess tal-utenti, is-sigurtà tal-informazzjoni u l-kontrolli tal-applikazzjoni, li jwasslu għar-riskji ta' tbagħbis ta' *data*, tixrid ta' *data*, aċċess mhux awtorizzat għas-sistema, bidliet malizzjużi fid-*data* u nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistema. Id-dgħufijiet identifikati, u l-miżuri li diġà ttieħdu mill-Kummissjoni biex tirrimedjahom, huma miġbura fil-qosor fl-***Anness VI***.

Il-proġetti kkampjunati indirizzaw il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji, iżda ddewmu, u l-kostijiet tagħhom ma ġewx ivvalutati b'mod sistematiku

34 Ivvalutajna jekk il-Kummissjoni implimentatx il-proġetti tal-FRIT b'mod f'waqtu, jekk il-proġetti kinux jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji, u jekk il-kostijiet tal-proġetti kinux raġonevoli (jiġifieri konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq jew kumparabbli ma' proġetti simili jew preċedenti). Fil-paragrafi ta' hawn taħt, aħna neżaminaw jekk:

(a) meta pprogrammat l-appoġġ, il-Kummissjoni ħaditx inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji u tatx prijorità lill-proġetti kif meħtieġ;

(b) il-proġetti ġewx approvati b'mod f'waqtu;

(c) il-proġetti ġewx implimentati kif ippjanat;

(d) il-Kummissjoni vvalutatx b'mod sistematiku r-raġonevolezza tal-kostijiet tal-proġetti u dawk amministrattivi, inkluż it-tqabbil tal-kostijiet ma' proġetti simili jew preċedenti meta kien fattibbli.

Il-proġetti ġew approvati b'mod f'waqtu u indirizzaw il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji

Programmazzjoni u approvazzjoni tal-proġetti

35 Il-provinċji fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tat-Turkija kienu suxxettibbli għal influss għoli ta' refuġjati Sirjani (ara l-***Anness I***). Dan iġġenera pressjoni sostanzjali fuq l-infrastruttura tas-saħħa, tal-edukazzjoni u muniċipali eżistenti, li wasslet għal nuqqas ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa, tagħmir mediku, sodod fl-isptarijiet, skejjel u għalliema għall-popolazzjoni kollha – kemm il-komunitajiet ospitanti kif ukoll ir-refuġjati. L-influss għoli ta' refuġjati għalhekk kien jirrikjedi investiment rapidu u sostanzjali biex jiġu evitati tensjonijiet fis-sistemi tas-saħħa u tal-edukazzjoni, u fis-suq tax-xogħol. Il-proġetti ffinanzjati mill-FRIT indirizzaw din il-ħtieġa.

36 Il-Kummissjoni bbażat il-programmazzjoni tagħha tal-appoġġ taħt l-FRIT fuq il-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet tal-2016 u l-2018. Il-Kummissjoni qieset l-objettivi elenkati għal kull settur ta' prijorità u użat metodoloġija ċara bi kriterji oġġettivi u trasparenti.

37 Il-proġetti kollha eżaminati ġew approvati mill-kumitat ta' tmexxija kif ippjanat. Dawn kienu kollha konformi mal-prijoritajiet identifikati mill-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet tal-2016 u l-2018. Il-proġetti kollha huma ffinanzjati taħt l-IPA u jiffurmaw parti mill-miżuri speċjali tal-istrument. Id-dati tal-bidu tal-proġetti u d-dati tat-tmiem stmati inizjalment kienu maħsuba biex jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji jkunu jiġu indirizzati fi żmien xieraq.

Ħtiġijiet indirizzati f'kull settur ta' prijorità

38 Il-proġetti kollha kkampjunati ntgħażlu biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji fid-diversi setturi. Madankollu, minħabba l-iskala tal-isfidi tar-refuġjati, il-proġetti ma setgħux jakkomodaw il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji kollha.

<u>Edukazzjoni</u>

39 Għall-proġett tal-PICTES, l-iskejjel li għandhom jiġu appoġġati ntgħażlu abbażi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet imwettqa mill-Ministeru Tork għall-Edukazzjoni Nazzjonali. Madankollu, il-lista tal-iskejjel magħżula ma ġietx ikkomunikata lill-Kummissjoni, u għalhekk ma stajniex niddeterminaw jekk il-ħtiġijiet tar-refuġjati ġewx issodisfati b'mod adegwat. Barra minn hekk, l-iskejjel intgħażlu fil-bidu tal-proġett, u dan ifisser li kwalunkwe moviment sekondarju ta' refuġjati ma tteħidx inkunsiderazzjoni matul l-implimentazzjoni tal-proġett. Dawn il-kwistjonijiet ġew rettifikati fil-ġenerazzjoni sussegwenti tal-proġetti PIKTES.

40 Barra minn hekk, il-proġett mhuwiex kbir biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji kollha. L-għadd ta' għalliema u skejjel fit-Turkija mhuwiex suffiċjenti biex jiġu integrati 1 000 000 tifel u tifla refuġjati fis-sistema edukattiva Torka. Skont id-*data* miksuba mill-Bank Dinji, 65 % biss tal-istudenti Sirjani li jeħtieġu edukazzjoni formali kienu jmorru l-iskola f'Jannar 2023.

Saħħa

41 Iċ-ċentri tas-saħħa tal-migranti ffinanzjati taħt il-proġett ta' Appoġġ għas-Servizzi tas-Saħħa tal-Migranti fit-Turkija (SIHHAT I) intgħażlu abbażi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet imwettqa mill-Ministeru Tork għas-Saħħa. Din il-valutazzjoni speċifikat li kienet meħtieġa unità tas-saħħa tal-migranti (MHU) waħda għal kull 4 000 refuġjat. Dan huwa l-istess standard bħalma jintuża għaċ-ċentri tas-saħħa tal-familja Torok.

42 Id-*data* miġbura mill-Ministeru tindika li n-nazzjonali Torok jippreferu jmorru direttament fl-isptarijiet u għalhekk l-ammont ta' dawk li jużaw iċ-ċentri tas-saħħa meta mqabbel mal-ammont ta' Sirjani huwa madwar in-nofs. Is-Sirjani, għall-kuntrarju, jippreferu jmorru fiċ-ċentri tas-saħħa fl-ewwel istanza minħabba l-ostaklu lingwistiku li jiltaqgħu miegħu fl-isptarijiet. Għalhekk, il-ħtieġa reali li jkun hemm ċentri tas-saħħa għas-Sirjani hija akbar minn dik tal-komunitajiet ospitanti. Madankollu, il-Gvern iddeċieda li japplika l-istess standard aktar milli jagħmel distinzjoni bejn persuni ta' nazzjonalità Sirjana u Torka.

43 Matul l-implimentazzjoni tal-proġett SIHHAT, il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni Sirjana mhux dejjem ġew indirizzati bis-sħiħ minħabba ż-żieda kontinwa f'din il-popolazzjoni fil-provinċji kollha. Abbażi tad-*data* tal-konsultazzjonijiet matul il-perjodu 2017-2022, osservajna li l-kapaċità reali kienet suffiċjenti fl-2017, ħlief fil-provinċja ta' Kilis. Madankollu, il-kapaċità f'diversi provinċji fl-2018 u fl-2019 kienet insuffiċjenti. Fl-2020 u l-2021, l-għadd ta' MHUs kien suffiċjenti, l-aktar minħabba l-livell baxx ta' konsultazzjonijiet b'riżultat tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Mill-2022, il-kapaċità reali għal darb'oħra ma baqgħetx suffiċjenti f'25 mit-30 provinċja fil-mira.

44 Taħt il-proġett *Tisħiħ tal-Infrastruttura tas-Saħħa għal Kulħadd* (SHIFA), osservajna li ċ-ċentri tas-saħħa tal-familja għall-komunitajiet ospitanti jiġu ffinanzjati wkoll. Il-maġġoranza l-kbira taċ-ċentri (estiżi) tas-saħħa tal-migranti li għandhom jinbnew jinkludu spazju riżervat biex jintuża unikament mill-komunitajiet ospitanti. L-intenzjoni tal-Ministeru hija li dawn għandhom iservu bħala ċentri tas-saħħa tal-familja kemm għall-komunitajiet ospitanti kif ukoll għar-refuġjati, iżda b'faċilitajiet fiżikament separati. Il-kostruzzjoni tal-partijiet esklussivament għat-Torok taċ-ċentri tas-saħħa tammonta għal EUR 26 miljun (29 % tal-baġit tal-proġett).

Appoġġ soċjoekonomiku

45 Għall-proġetti ta' appoġġ soċjoekonomiku, l-għadd ta' benefiċjarji kien ibbażat fuq il-baġits disponibbli, li ppermettew biss li jiġi appoġġat għadd limitat ta' benefiċjarji possibbli. Għall-proġett 6 (ara l-***Anness III*** għan-numri ta' referenza tal-proġett), aktar minn 20 % tal-istudenti appoġġati saħansitra segwew kors ta' baċellerat f'żoni li ma kinux konformi mal-analiżi tas-suq tax-xogħol ikkummissjonata mis-sieħeb ta' implimentazzjoni, u għalhekk huwa inqas probabbli li jwassal għal impjieg sussegwenti. Barra minn hekk, il-proġett 7 ma kienx fuq skala li kienet taqbel mal-ħtiġijiet tal-benefiċjarji, billi l-attivitajiet tiegħu bdew qabel ma ġiet ikkompletata l-analiżi tas-suq tax-xogħol.

46 Il-baġit għall-proġett "*Appoġġ għat-tranżizzjoni lejn is-suq tax-xogħol*" ma kellux diżaggregazzjoni dettaljata tal-kostijiet u l-attivitajiet. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha mezzi limitati biex tivvaluta l-livell sa fejn il-proġett kien jiffoka fuq il-ħtiġijiet tar-refuġjati u jekk il-proporzjon bejn ir-refuġjati u l-membri tal-komunitajiet ospitanti li jirċievu appoġġ kienx xieraq. Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma ddubitatx dwar il-mira baxxa stabbilita (20 % tal-benefiċjarji li għandhom jiġu impjegati wara l-ikkompletar ta' programm attiv tas-suq tax-xogħol) għall-integrazzjoni tas-Sirjani fis-suq tax-xogħol formali.

Infrastruttura muniċipali

47 Iż-żewġ proġetti ta' infrastruttura muniċipali huma komplementari billi l-kopertura ġeografika tagħhom tvarja. Il-proġetti huma relatati mal-installazzjoni ta' pajpijiet tad-drenaġġ u l-kostruzzjoni ta' impjanti tat-trattament tal-ilma mormi. Il-postijiet koperti mill-proġett 10 ntgħażlu abbażi ta' studji tal-vulnerabbiltà biex jiġu identifikati l-muniċipalitajiet u l-benefiċjarji l-aktar fil-bżonn. L-istudji kienu jinkludu rakkomandazzjonijiet biex jittejbu t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett. Il-kapaċità tal-proġett hija għalhekk konformi ma' dik tal-popolazzjoni tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti.


48 Madankollu, is-sieħeb ta' implimentazzjoni għall-proġett 13 ma wettaq l-ebda studju tal-vulnerabbiltà għall-proġetti ta' infrastruttura muniċipali li implimenta. Bank nazzjonali għall-iżvilupp u l-investiment iddeċieda l-prijoritajiet ta' investiment fl-infrastruttura, f'konsultazzjoni mal-muniċipalitajiet, abbażi taż-żieda fil-popolazzjoni minħabba l-influss ta' refuġjati.

L-implimentazzjoni tal-proġetti ddewmet b'mod sinifikanti għal diversi raġunijiet

Implimentazzjoni

49 Kif spjegat aktar hawn taħt, il-proġetti kollha fil-kampjun tagħna, ħlief wieħed, iltaqgħu ma' dewmien sinifikanti matul l-implimentazzjoni tagħhom (ara l-***Figura 5***). L-implimentazzjoni ta' ħafna proġetti taħt it-tieni segment (li kien maħsub li jibda fil-perjodu 2018-2019) lanqas biss bdiet qabel l-2021. Bl-istess mod, xi proġetti ffinanzjati taħt l-ewwel segment baqgħu għaddejjin wara tmiem l-2023. Minħabba t-terremoti fi Frar 2023, xi proġetti (prinċipalment proġetti ta' infrastruttura muniċipali) mhux se jitlestew sa nofs l-2025 kif kien previst inizjalment. Ħarsa ġenerali lejn ir-raġunijiet għad-dewmien tista' tinstab, proġett bi proġett, fl-***Anness VII***.

Figura 5 – Dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.


50 Għall-proġetti ta' infrastruttura, l-aktar raġunijiet komuni għad-dewmien kienu l-bidliet fid-disinn (minħabba r-Regolament il-ġdid Tork tal-2018 dwar it-terremoti), l-iżvalutazzjoni tal-2018 tal-lira Torka meta mqabbla mal-euro (li kienet tfisser li l-baġits tal-proġetti marru lil hinn, u dan wassal għal proġetti akbar li ħadu aktar żmien biex jiġu implimentati), problemi strutturali matul l-iskavar, il-pandemija tal-COVID-19, u proċeduri ġodda ta' sejħiet għall-offerti li kellhom jitwettqu. Fil-każ tal-proġetti 2 u 5 għall-kostruzzjoni ta' sptarijiet f'Hatay u Kilis, dan id-dewmien seta' jiġi parzjalment evitat kieku s-sieħeb ta' implimentazzjoni kien wettaq rieżami aktar bir-reqqa (eż. stħarriġ ġeoloġiku) tad-disinn inizjali.

51 Għall-proġetti ta' appoġġ soċjoekonomiku (il-proġetti 6, 7, 11 u 14), id-dewmien kien prinċipalment dovut għal problemi ta' reklutaġġ matul il-fażi tal-bidu, il-pandemija tal-COVID-19, in-nuqqas ta' xiri sfurzat mill-Gvern Tork u l-kriżi ekonomika.

Eżekuzzjoni baġitarja

52 Minħabba l-inflazzjoni għolja fit-Turkija (ara l-***Figura 6***), diversi proġetti ta' infrastruttura bħalissa ma għandhomx il-baġit meħtieġ biex jilħqu l-objettivi tagħhom. Il-proġetti kkonċernati huma ż-żewġ proġetti ta' infrastruttura muniċipali, il-proġett SHIFA u l-proġetti ta' kostruzzjoni tal-iskejjel. Għadu mhux ċar jekk l-ambitu ta' dawn il-proġetti hux se jitnaqqas jew jekk jistax jinstab finanzjament addizzjonali permezz tal-fondi li jifdal taħt l-FRIT jew żieda fil-komponent tas-self mis-sħab ta' implimentazzjoni.

Figura 6 – Inflazzjoni fit-Turkija fil-perjodu 2014-2023



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* mill-Istitut Tork tal-Istatistika.

Azzjoni korrettiva

53 Meta kien dewmien, il-Kummissjoni investigat il-kawżi tiegħu u ħadet l-azzjoni korrettiva meħtieġa. F'diversi każijiet, id-dewmien kien ikkawżat minn kwistjonijiet li ma setgħux jiġu indirizzati fi żmien qasir: ir-Regolament il-ġdid dwar it-terremoti, l-iżvalutazzjoni tal-lira Torka, il-COVID-19 u l-kriżi ekonomika. Lanqas ma kien possibbli li jiġu mbassra t-terremoti tal-2023. Madankollu, għal xi proġetti (il-proġetti 6 u 12), il-Kummissjoni setgħet interveniet b'mod aktar effettiv u f'waqtu.

Il-Kummissjoni ma vvalutatx sistematikament jekk il-kostijiet tal-proġetti kinux raġonevoli

L-għażla tas-sħab ta' implimentazzjoni

54 Il-Kummissjoni tuża żewġ modi ta' ġestjoni għall-implimentazzjoni tal-proġetti:

(a) ġestjoni indiretta, fejn il-proġetti jiġu implimentati minn aġenziji tan-NU, NGOs u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; u

(b) ġestjoni diretta, fejn il-proġetti jiġu implimentati mill-Gvern Tork.

55 Għal proġetti implimentati taħt ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni nediet sejħiet għal proposti u vvalutat il-kapaċità amministrattiva, teknika u finanzjarja tal-applikanti. Bħala kriterju ta' eliġibbiltà ulterjuri, il-Kummissjoni qieset ukoll il-perċentwal tal-kostijiet indiretti kkwotati fl-applikazzjonijiet tal-proġetti. Matul it-tieni segment tal-FRIT saru sforzi sinifikanti biex jitnaqqsu l-kostijiet indiretti (ara l-paragrafi ***25*** u ***26***). Dan ippermetta li aktar fondi jmorru direttament għand il-benefiċjarji finali.

56 Għall-proġetti PICTES u SIHHAT, il-Ministeri Torok kienu l-uniċi sħab ta' implimentazzjoni possibbli. Sibna li l-Ministeri kellhom kapaċità operazzjonali u finanzjarja suffiċjenti biex jimplimentaw il-proġetti eżaminati. Il-Kummissjoni tqis li t-trasferiment ta' aktar kompiti lill-Gvern Tork jista' jtejjeb il-kosteffiċjenza. Madankollu, dan mhuwiex fattibbli fil-kuntest politiku attwali (ara l-paragrafu ***24***).

57 Sibna li s-sħab ta' implimentazzjoni kollha kellhom il-kapaċità amministrattiva, operazzjonali u finanzjarja meħtieġa biex jimplimentaw il-proġetti eżaminati. Madankollu, fil-każ tal-proġett 4, dwar l-infrastruttura tal-edukazzjoni, il-proċeduri ta' akkwist tas-sieħeb ta' implimentazzjoni ma kinux ġew ivvalutati skont il-pilastru saż-żmien meta ġie ffirmat il-ftehim amministrattiv, jew saħansitra saż-żmien meta bdiet is-sejħa għall-offerti nnifisha.

Valutazzjoni tal-kostijiet tal-proġetti

58 Għall-proġetti ta' infrastruttura (skejjel, infrastruttura muniċipali, u sptarijiet), id-delegazzjoni tal-UE wettqet verifika dettaljata fuq il-baġit propost mis-sieħeb ta' implimentazzjoni, abbażi tal-prezzijiet ta' referenza għal kull metru kwadru kif ippubblikati fil-Gazzetta Uffiċjali Torka.

59 Madankollu, il-Kummissjoni ma vvalutatx b'mod sistematiku r-raġonevolezza tal-kostijiet tal-proġetti (baġit inizjali flimkien ma' addenda) fis-setturi ta' prijorità l-oħra. Għal diversi proġetti (il-proġetti 1, 6, 8, 9 u 14), ma hemm l-ebda evidenza dokumentata li l-Kummissjoni jew id-delegazzjoni tal-UE analizzaw il-baġit tal-proġett fid-dettall (eż. billi jintalbu dokumenti ta' sostenn mingħand is-sħab ta' implimentazzjoni biex jissostanzjaw il-kostijiet). Barra minn hekk, id-delegazzjoni tal-UE ma analizzatx il-kostijiet tal-attivitajiet fid-dettall. Hija bbażat ruħha biss fuq l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mis-sħab ta' implimentazzjoni (il-proġetti 6, 7, 8 u 11). Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma qabblitx kostijiet simili bejn proġetti differenti jew ma kkalkulatx il-kost għal kull benefiċjarju. Dan iqiegħed f'riskju l-effiċjenza tal-proġetti.

60 Il-Kummissjoni lanqas ma wettqet verifiki biex tivverifika r-raġonevolezza reali tal-kostijiet matul l-implimentazzjoni tal-proġetti. Għall-biċċa l-kbira mill-proġetti, ħlief għal tnejn, ditta tal-awditjar esterna ġiet ikkuntrattata biex twettaq verifikazzjonijiet tan-nefqa. Madankollu, il-maniġers tal-proġetti tad-delegazzjoni tal-UE ma talbux jew ma vverifikawx sistematikament ir-rapporti ta' verifika.

Valutazzjoni tal-kostijiet amministrattivi

61 Ma hemm l-ebda evidenza li l-Kummissjoni vvalutat ir-raġonevolezza tal-kostijiet amministrattivi. Għalkemm il-Kummissjoni naqqset il-limitu fuq il-kostijiet indiretti fit-tieni segment, minn 7 % għal 4 % tal-kostijiet totali tal-proġetti (ara l-***Kaxxa 1***), hija għad ma għandha l-ebda kriterju tal-għażla biex tivvaluta jekk dan huwiex limitu xieraq għal kull proġett individwali. Il-kostijiet indiretti naqsu taħt it-tieni segment tal-FRIT u, b'mod ġenerali, jidhru raġonevoli fir-rigward tal-attivitajiet li għandhom jitwettqu mis-sħab ta' implimentazzjoni.

62 Minkejja li diġà ġew imposti kostijiet indiretti ta' kważi 7 %, il-baġit tal-PICTES iffinanzja wkoll kostijiet oħra, li tqiesu ineliġibbli mill-awditur estern li wettaq verifika tan-nefqa. Dawn il-kostijiet kienu jinkludu s-sahra, il-*per diems* u l-allowances tat-trasport għall-persunal tal-Ministeru, li ammontaw għal EUR 1.7 miljun. Madankollu, il-Kummissjoni setgħet tirkupra din in-nefqa.

63 Barra minn hekk, il-kontinwazzjoni tal-finanzjament mill-PICTES ġiet żgurata permezz ta' PIKTES II u PIKTES+. Madankollu, diversi kuntratti tal-għalliema ma ġewx estiżi iżda ġew itterminati, u dawn tħallsu allowances għat-terminazzjoni tal-impjieg. L-istess għalliema mbagħad immedjatament irċevew kuntratti "ġodda" – li jkopru l-istess attivitajiet – ladarba PIKTES II u PIKTES+ kienu bdew. Ma kien hemm l-ebda lakuna bejn id-diversi proġetti PICTES. Dawn l-allowances għat-terminazzjoni tal-impjieg ammontaw għal EUR 8.4 miljun (għat-tranżizzjoni minn PICTES għal PIKTES II) u EUR 11.2-il miljun (minn PIKTES II għal PIKTES+). Din il-prattika hija pprojbita skont il-liġi tax-xogħol Torka. Abbażi tas-sejbiet tagħna, il-Kummissjoni għamlet tentattivi biex tirkupra l-ammonti mingħand il-Ministeru. Il-Kummissjoni bagħtet ittra f'Awwissu 2023 fejn talbet il-ħlas lura ta' EUR 8.4 miljun mingħand il-Ministeru, li ċaħad it-talba. Għadu mhux ċar kif (jew jekk) il-Kummissjoni hijiex se tirkupra t-total ta' EUR 19.6-il miljun imħallsa f'allowances illegali għat-terminazzjoni tal-impjieg.

L-outputs ippjanati sa issa twasslu, iżda l-impatt u s-sostenibbiltà tagħhom mhumiex suffiċjentement indirizzati

64 Ivvalutajna jekk l-outputs u l-eżiti ppjanati kinux inkisbu u jekk il-Kummissjoni kinitx żgurat is-sostenibbiltà tagħhom. Barra minn hekk, eżaminajna l-ġestjoni tal-proġetti tal-FRIT min-naħa tal-Kummissjoni wara t-terremoti ta' Frar 2023 u vvalutajna l-azzjonijiet li ttieħdu biex jittaffa l-impatt tat-terremot fuq il-proġetti. Fil-paragrafi li ġejjin, aħna neżaminaw jekk:

(a) il-proġetti kkampjunati kisbux (jew x'aktarx jiksbu) ir-riżultati mistennija (outputs u eżiti);

(b) il-qafas ta' monitoraġġ kopriex informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva affidabbli;

(c) il-Kummissjoni intervenietx b'mod effettiv wara t-terremoti tal-2023; u

(d) il-Kummissjoni żguratx is-sostenibbiltà tal-proġetti.

Għalkemm il-proġetti wasslu l-outputs, kien hemm fokus limitat fuq l-impatt

Riżultati

65 L-***Anness VIII*** jistabbilixxi l-valutazzjoni li wettaqna tal-proġetti f'termini tal-ħtiġijiet indirizzati, il-puntwalità, il-kosteffettività, il-monitoraġġ, ir-riżultati u s-sostenibbiltà. B'mod ġenerali, l-outputs ippjanati kienu twasslu, iżda l-impatt tal-proġetti ma tkejjilx b'mod suffiċjenti. Fejn possibbli, il-Kummissjoni u s-sħab ta' implimentazzjoni ħadu azzjoni korrettiva biex jimminimizzaw jew itaffu d-dewmien. B'mod ġenerali, teżisti rabta kawżali bejn l-attivitajiet tal-proġetti u r-riżultati miksuba.

Edukazzjoni

66 Il-biċċa l-kbira mir-riżultati nkisbu fis-settur tal-edukazzjoni: inbnew skejjel prefabbrikati u solidi u huma parzjalment operazzjonali. L-iskejjel ikkompletati mibnija (il-proġetti 3 u 4) ġew integrati fis-sistema edukattiva nazzjonali Torka. Taħt il-proġett PICTES, l-istudenti ngħataw tagħmir u materjali tal-iskola u nstabu biżżejjed għalliema biex jiżguraw edukazzjoni ta' kwalità kemm għas-Sirjani kif ukoll għall-komunitajiet ospitanti. Iċ-ċentri edukattivi temporanji ngħalqu, u t-tfal ġew ittrasferiti lejn l-iskejjel tal-Istat Tork.

67 Żorna seba' skejjel taħt il-PICTES (l-***Istampa 1***) matul il-missjoni tal-awditjar tagħna u osservajna li l-iskejjel kollha kellhom l-għadd meħtieġ ta' Sirjani rreġistrati biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament mill-PICTES. Madankollu, xi attivitajiet ħolqu tensjoni fost l-istudenti, pereżempju minħabba l-fatt li l-kartolerija u t-trasport b'xejn inizjalment ingħataw lill-istudenti Sirjani biss. Għalhekk, żewġ skejjel kienu ħadu l-inizjattiva li jibdew attivitajiet ta' koeżjoni soċjali (bħall-organizzazzjoni ta' fiera tax-xjenza u wirja tal-arti). Fuq nota negattiva, f'ħames skejjel il-logħbiet fuq bord u t-tagħmir sportiv mixtrija għal dan l-iskop bilkemm intużaw jew inkella kienu għadhom maħżuna fl-imballaġġ oriġinali tagħhom (l-***Istampa 2***).

Stampa 1 – Skejjel taħt il-PICTES f'Adana (xellug) u f'Izmir (lemin)



Sors: il-QEA.

Stampa 2 – Skola taħt il-PICTES – tagħmir tat-table tennis li għadu maħżun fl-imballaġġ oriġinali tiegħu



Sors: il-QEA.

68 Żorna disa' skejjel li nbnew reċentement taħt il-proġetti tal-iskejjel iffinanzjati mill-FRIT (li minnhom sebgħa kienu diġà operazzjonali) u osservajna livell għoli ta' sodisfazzjon kemm fost l-għalliema kif ukoll fost l-istudenti. Tliet skejjel ma kinux miżmuma tajjeb, minkejja li nfetħu biss fl-2019 jew fl-2020. L-iskejjel kollha kienu mgħammra b'sistemi ġodda ta' tisħin, sistemi ta' ventilazzjoni ċentrali u tal-arja kundizzjonata, sistemi akustiċi u sistemi ta' sigurtà. Madankollu, it-tagħmir tekniku ma kienx qed jiffunzjona b'mod xieraq fl-ebda waħda mill-iskejjel, minħabba nuqqas ta' persunal tekniku b'għarfien. Lanqas ma kienu qed jintużaw ta' spiss kolletturi selettivi tal-iskart (l-***Istampa 3***), billi l-iskart ma kienx jinġabar awtomatikament mill-muniċipalità.

Stampa 3 – Kollettur selettiv tal-iskart ipprovdut lill-iskejjel kollha li nbnew reċentement



Sors: il-QEA.

69 Ma stajniex niddeterminaw l-impatt jew il-valur għall-flus tal-proġetti tal-FRIT ikkampjunati fis-settur tal-edukazzjoni. Ma kien hemm l-ebda *data* disponibbli dwar l-iskejjel iffinanzjati permezz tal-FRIT taħt PICTES I. Id-*data* l-aktar reċenti kienet tikkonċerna PIKTES II. Dan ifisser li l-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni dwar fejn il-finanzjament intefaq ġeografikament jew x'riżultati kienu nkisbu.

70 Barra minn hekk, minkejja t-talbiet ripetuti tagħna, il-Ministeru Tork għall-Edukazzjoni Nazzjonali ma pprovdiex *data* (ara l-paragrafu ***15***) dwar:

- l-għadd ta' studenti Sirjani u ta' studenti refuġjati oħra għal kull skola meta mqabbel mal-għadd ta' studenti mill-komunitajiet ospitanti;
- ir-rata ta' suċċess ta' dawn l-istudenti meta mqabbla ma' dawk mill-komunitajiet ospitanti;
- l-għadd ta' tfal li ma kinux jattendu l-iskola u li ġew integrati mill-ġdid fis-sistema edukattiva bis-saħħa tal-appoġġ taħt il-PICTES;
- il-qsim fl-appoġġ taħt il-PICTES bejn it-tip ta' skejjel; jew
- l-għadd ta' refuġjati li kienu spiċċaw l-iskola primarja jew l-iskola sekondarja jew li marru l-università.

71 Għalhekk ma stajniex nivvalutaw l-impatt tal-PICTES fuq l-integrazzjoni u s-suċċess tat-tfal refuġjati appoġġati fis-sistema edukattiva Torka. Lanqas ma stajna nivvalutaw l-impatt tal-kostruzzjoni tal-iskejjel fuq il-benefiċjarji. Madankollu, tabilħaqq osservajna li mid-disa' skejjel li saritilhom żjara (ara l-paragrafu ***68***), tnejn biss ġew inklużi fil-PICTES. Sabiex tkun eliġibbli għall-finanzjament mill-PICTES, skola jeħtieġ li jkollha mill-inqas 40 tifel u tifla refuġjati rreġistrati. Dan jimplika li l-iskejjel li nbnew reċentement kienu ta' benefiċċju prinċipalment għall-komunitajiet ospitanti aktar milli għar-refuġjati, li jenħtieġ li jkunu r-riċevituri prinċipali.

Saħħa

72 Iż-żewġ sptarijiet iffinanzjati mill-FRT ġew ikkompletati b'suċċess u kienu konformi mar-Regolament dwar it-terremoti. Id-*data* tal-pazjenti indikat li ż-żewġ sptarijiet intużaw kemm mill-poplu Tork kif ukoll minn dak Sirjan, f'kapaċità għolja. Osservajna li t-tagħmir kollu ġie kkonsenjat, u l-Ministeru pprovda biżżejjed persunal. Kien hemm rabta kawżali ċara bejn il-kostruzzjoni tal-isptarijiet u ż-żieda fil-kapaċità tal-kura tas-saħħa fiżika f'Hatay u f'Kilis (l-***Istampa 4***).

Stampa 4 – L-isptar ta’ Hatay (xellug) u l-isptar ta’ Kilis (lemin)





Sors: il-QEA.

73 Matul SIHHAT II, l-għadd ta’ unitajiet tas-saħħa tal-migranti (MHUs) kien, sal-2021, suffiċjenti biex jissodisfa l-ħtiġijiet tar-refuġjati. Mill-2022 ’il hawn, l-għadd ta’ refuġjati qabeż il-kapaċità tal-MHU. Iċ-ċentri tas-saħħa taw ukoll lin-nies Sirjani opportunitajiet biex jaħdmu bħala prattikanti ġenerali, speċjalisti tal-mediċina interna, ġinekologi u pedjatriċi. Inkella, jekk ma jiksbux iċ-ċittadinanza Torka u ma jgħaddux minn eżami ta’ ekwivalenza, huma ma jistgħux jaħdmu fis-sistema tas-saħħa Torka.

Stampa 5 – Żona ta’ stennija fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Migranti ta’ Ankara (xellug) u kamra għat-terapija edukattiva fiċ-Ċentru Komunitarju tas-Saħħa Mentali ta’ Adana (lemin)





Sors: il-QEA.

74 Iż-żjara li wettaqna kkonfermat li l-bini u t-tagħmir kienu miżmuma tajjeb, li kien hemm biżżejjed persunal preżenti u li l-pazjenti (kemm Torok kif ukoll Sirjani) kienu sodisfatti bis-servizzi tal-kura tas-saħħa pprovduti (l-***Istampa 5*** u l-***Istampa 6***). Abbażi tal-intervisti mal-pazjenti, tgħallimna li l-poplu Sirjan ħass li ġie ttrattat bl-istess mod bħall-poplu Tork meta ġie biex jirċievi servizzi tal-kura tas-saħħa.

Stampa 6 – MRI (Hatay) u CT scan (Kilis)



Sors: il-QEA.

<u>Appoġġ soċjoekonomiku</u>

75 L-appoġġ soċjoekonomiku huwa l-inqas żviluppat mill-oqsma ta' prijorità tal-FRIT. Il-Gvern Tork ma għandu l-ebda strateġija ta' tranżizzjoni għar-refuġjati. Għalhekk, il-Gvern ftit jagħti attenzjoni għan-naħa tad-domanda, jiġifieri jekk l-impjiegi humiex disponibbli għar-refuġjati u f'liema setturi. Barra minn hekk, l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni biex tindirizza l-ħtiġijiet soċjoekonomiċi tar-refuġjati huma wkoll prinċipalment xprunati mill-provvista (eż. l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ għar-refuġjati).

76 Twettqet analiżi tas-suq tax-xogħol mis-sħab ta' implimentazzjoni għal żewġ proġetti. Madankollu, din ma ntużatx – jew tal-inqas ma ntużatx b'mod xieraq – bħala input għat-taħriġ għall-gruppi fil-mira (ara l-paragrafu ***45***). Barra minn hekk, wieħed minn dawn il-proġetti kellu durata ta' sentejn biss, filwaqt li kors ta' baċellerat idum erba' snin. Żewġ proġetti oħra ma ffukawx suffiċjentement fuq ir-refuġjati, u kien hemm aktar parteċipanti mill-komunitajiet ospitanti milli Sirjani li rċevew ċertifikazzjoni f'wieħed minnhom.

77 Il-ġenerazzjoni tal-impjiegi hija maħsuba biex tipprovdi strateġija ta' ħruġ għall-proġett ESSN. Madankollu, ma kien hemm disponibbli l-ebda *data* dwar kemm-il permess ta' xogħol il-Gvern Tork kien ta lis-Sirjani mill-2021 'il hawn jew kemm-il Sirjan kienu bdew in-negozju tagħhom stess minn meta beda l-finanzjament taħt l-FRIT.

78 B'mod ġenerali, minħabba n-nuqqas ta' segwitu dwar l-ex studenti, ladarba l-proġetti kienu tlestew, ma kienx possibbli li jiġi vvalutat jekk dawn kinux sabu impjiegi immedjatament wara jew matul il-proġetti.

Infrastruttura muniċipali

79 Għaż-żewġ proġetti ta' infrastruttura muniċipali, il-kostruzzjoni kienet bdiet biss reċentement fi ftit postijiet (l-***Istampa 7***). Għalhekk kien kmieni wisq biex jiġi vvalutat jekk ir-riżultati kinux inkisbu. Madankollu, iż-żieda fil-prezzijiet tal-materjal tal-kostruzzjoni, ir-rati tal-kambju volatili u l-inflazzjoni għolja fit-Turkija (ara l-***Figura 6***) laqtu u qed ikomplu jolqtu l-baġits tal-proġetti u l-organizzazzjoni tal-offerti. Huwa mistenni tnaqqis fl-ambitu ta' dawn il-proġetti (sakemm ma jinstabx finanzjament addizzjonali), li se jolqot ukoll l-ilħuq tal-objettivi. Barra minn hekk, huwa mistenni dewmien addizzjonali ta' bejn sena u sentejn wara t-terremoti.

Stampa 7 – Osmaniye (xellug) u Sanliurfa (fin-nofs u fil-lemin) – Xogħlijiet ta' drenaġġ



Sors: il-QEA.

Monitoraġġ

80 Id-delegazzjoni tal-UE, is-sħab ta' implimentazzjoni, id-ditti tal-awditjar esterni u t-tim ta' SUMAF wettqu żjarat biex jimmonitorjaw il-proġetti ffinanzjati mill-FRIT. Ir-riżultati tal-proġetti tkejlu bi tqabbil mal-miri stabbiliti fid-dokumenti ta' ppjanar magħrufa bħala "oqfsa loġiċi", li kienu jiffurmaw parti mill-ftehim amministrattiv. Madankollu, l-indikaturi kienu fil-biċċa l-kbira kwantitattivi, u b'hekk kien aktar faċli li jitkejlu l-outputs milli l-eżiti.

81 L-oqfsa loġiċi tal-proġetti soċjoekonomiċi spiss ma ffaċilitawx il-kejl tal-impatt tal-proġetti, billi ffukaw fuq l-għadd ta' parteċipanti li jirreġistraw fil-korsijiet, mhux fuq l-għadd ta' gradwati jew l-għadd ta' impjiegi maħluqa.

82 Osservajna wkoll dgħufijiet fil-qafas loġiku tal-proġett SHIFA, billi l-indikaturi ma indirizzawx il-fatt li parti mill-finanzjament kienet allokata unikament għall-popolazzjoni ospitanti. L-indikaturi kollha kienu jikkonċernaw lir-refuġjati, u l-ebda wieħed minnhom ma indirizza l-għan oriġinali tal-proġett li jitnaqqsu l-kostijiet tal-kiri u dawk operatorji għaċ-ċentri tas-saħħa tal-migranti. Barra minn hekk, fil-qafas loġiku tal-proġett 11, l-outputs/eżiti ma kinux allinjati mal-attivitajiet tal-proġett u għalhekk ma kinux tajbin biżżejjed għal monitoraġġ effiċjenti.

83 Minbarra li wettqet żjarat fuq il-post, id-delegazzjoni tal-UE rrieżaminat ukoll ir-rapporti dwar il-bidu tal-proġetti u l-progress, u talbet lis-sħab ta' implimentazzjoni għal kjarifiki. SUMAF wettaq żjarat ta' monitoraġġ dettaljati għand is-sħab ta' implimentazzjoni, għamel rakkomandazzjonijiet u b'mod ġenerali wettaq segwitu tagħhom b'mod adegwat. Madankollu, sieħeb ta' implimentazzjoni wieħed oġġezzjona għall-monitoraġġ minn SUMAF u rrifjuta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

84 Ħlief għal żewġ proġetti, id-ditti tal-awditjar esterni wettqu verifikazzjonijiet finanzjarji biex jivvalutaw l-eliġibbiltà tan-nefqa. Għal erba' proġetti, in-nefqa ineliġibbli ġiet identifikata u sussegwentement irkuprata.

Viżibbiltà


85 Għall-proġetti kollha eżaminati, il-linji gwida dwar il-viżibbiltà ġew maqbula kuntrattwalment. Matul l-implimentazzjoni tal-proġetti, kull sieħeb ta' implimentazzjoni bagħat pjan ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà lid-delegazzjoni tal-UE. Dawn il-pjanijiet identifikaw gruppi fil-mira u attivitajiet ta' komunikazzjoni għal kull grupp fil-mira, inklużi siti web, ritratti, filmati, artikli tal-istampa, oġġetti promozzjonali, sinjali u avvenimenti ta' ftuħ u għeluq.

86 Ir-rapporti dwar il-progress ipprovdew ħarsa ġenerali dettaljata lejn il-progress meta mqabbel mal-pjanijiet ta' viżibbiltà. Matul iż-żjara tagħna fuq il-post, osservajna li r-regoli ta' viżibbiltà ġew osservati sew b'mod ġenerali.

Il-Kummissjoni rreaġiet malajr biex tindirizza l-impatt tat-terremoti fuq il-proġetti tal-FRIT

87 Fi Frar 2023, seħħew żewġ terremoti devastanti fir-reġjun tan-Nofsinhar tat-Turkija u fit-Tramuntana tas-Sirja (ara l-***Figura 7***), li rriżultaw f'ħafna vittmi u ħsara mifruxa. Id-delegazzjoni tal-UE rreaġiet malajr biex tikseb stampa ġenerali tal-ħsara u t-telf imġarrab mill-proġetti tal-FRIT billi talbet lis-sħab ta' implimentazzjoni jipprovdu rapport ta' valutazzjoni tal-impatt tat-terremoti. Dan ir-rapport ipprovda stampa ġenerali tal-impatt tat-terremoti fuq l-attivitajiet li għaddejjin u l-miri li għandhom jintlaħqu, u indika jekk humiex se jkunu meħtieġa żieda fil-baġit jew estensjoni tad-data ta' skadenza.

Figura 7 – L-impatt tat-terremoti tas-6 ta' Frar 2023




Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* minn Financial Times Limited, 9.2.2023.

88 Id-delegazzjoni tal-UE analizzat dawn ir-rapporti sa nofs Marzu 2023, li minnhom deher ċar li kien meħtieġ baġit addizzjonali ta' EUR 632.4 miljun biex il-proġetti jiġu kkompletati kif kien ippjanat inizjalment. Madankollu, is-sħab ta' implimentazzjoni kienu diġà talbu EUR 554 miljun addizzjonali qabel it-terremoti biex ikopru l-inflazzjoni għolja u ż-żieda fil-prezzijiet tal-kostruzzjoni. Dawn it-talbiet kienu jikkonċernaw prinċipalment proġetti ta' infrastruttura. Il-proġetti li kienu jirrikjedu baġit addizzjonali wara t-terremoti kienu żewġ programmi ta' assistenza fi flus kontanti (is-CCTE u x-Xibka Komplementari ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza (C-ESSN)) u proġett dwar l-appoġġ għall-impjiegi agrikoli.

89 Il-fondi kollha tal-FRIT (ħlief għal spejjeż amministrattivi) kienu diġà ġew ikkuntrattati saż-żmien meta wettaqna l-awditu. Madankollu, EUR 350 miljun mill-allokazzjoni addizzjonali ta' EUR 3 biljun kienu għad iridu jiġu kkuntrattati (ara l-paragrafi ***06*** u ***23***). Il-Gvern Tork ippropona li dawn il-fondi jiġu allokati għal seba' proġetti. Madankollu, tnejn minn dawn il-proġetti jiffukaw nofs fuq is-Sirjani u nofs fuq il-komunitajiet ospitanti, filwaqt li l-finanzjament taħt l-FRIT huwa maħsub biex jiġi allokat l-aktar lir-refuġjati. Il-Kummissjoni adottat deċiżjoni finali dwar l-allokazzjoni fi tmiem l-2023.

90 It-terremoti kellhom impatt sinifikanti fuq id-durata stmata tal-proġetti: 20 minn 33 proġett tal-FRIT li għadhom għaddejjin kienu jeħtieġu estensjonijiet tad-dati ta' skadenza li, skont is-sħab ta' implimentazzjoni, ivarjaw minn sena sa 3 snin. Mit-33 proġett li għadhom għaddejjin, it-terremoti kellhom impatt baxx fuq 9, impatt moderat fuq 14 u impatt għoli fuq 10. Il-provinċji li sofrew l-ogħla impatt kienu Gaziantep, Hatay u Kahramanmaraş (ara l-***Figura 8***).

Figura 8 – Proġetti għal kull provinċja milquta mit-terremoti



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

91 Il-proġetti ta' infrastruttura muniċipali ddewmu minħabba d-disponibbiltà limitata ta' uffiċjali, materjali tal-kostruzzjoni, persunal u tagħmir. Il-kostijiet tal-materjali tal-kostruzzjoni, tal-enerġija u tax-xogħol żdiedu wkoll mill-2022 'il hawn. Barra minn hekk, kienu meħtieġa bidliet fl-ambitu u fid-disinn.

92 Il-proġetti ta' infrastruttura tal-edukazzjoni ddewmu minħabba aċċess limitat għall-awtoritajiet u r-riżorsi rilevanti wara t-terremoti. Il-kostruzzjoni fir-reġjuni milquta mit-terremoti twaqqfet u s-sejħiet għall-offerti għal skejjel ġodda ġew sospiżi. Il-kostijiet tal-kostruzzjoni żdiedu wkoll. Diversi skejjel fit-Turkija saritilhom ħsara jew inqerdu. Madankollu, l-iskejjel mibnija taħt il-proġetti tal-FRIT kienu tfasslu f'konformità mar-Regolament l-aktar reċenti tat-Turkija dwar it-terremoti u għalhekk ma ġarrbux ħsara strutturali.

93 La l-isptar f'Kilis u lanqas dak f'Hatay ma sofrew xi ħsara strutturali. Dan kien dovut għall-metodi ta' mitigazzjoni tat-terremoti li ntużaw matul il-kostruzzjoni. Il-kapaċitajiet tagħhom żdiedu biex jirrispondu għal ħtiġijiet mediċi urġenti.

94 Żewġ terzi taċ-ċentri tas-saħħa li għandhom jinbnew jew jiġu rinnovati taħt il-proġett SHIFA kienu jinsabu fil-provinċji milquta mit-terremoti. Il-prijoritizzazzjoni tal-faċilitajiet u l-postijiet kien jeħtieġ li tiġi rieżaminata fid-dawl tal-movimenti tal-popolazzjoni kkawżati mit-terremoti.

95 Kemm il-proġetti PICTES kif ukoll il-proġetti SIHHAT kienu ntlaqtu sinifikattivament mit-terremoti. L-iskejjel fil-provinċji milquta mit-terremoti ngħalqu; xi wħud saritilhom ħsara kbira jew inqerdu u t-tagħmir u l-provvisti ntilfu. Fil-każ ta' SIHHAT, madwar 45 mill-102 ċentri (estiżi) tas-saħħa tal-migranti ġarrbu ħsara. Ġew stabbiliti unitajiet temporanji fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa mhux milquta bl-użu tal-persunal u r-riżorsi ta' SIHHAT. F'Diċembru 2023, diversi ċentri kienu reġgħu fetħu u 17 baqgħu temporanjament magħluqin. Traġikament, iż-żewġ proġetti tilfu wkoll membri tal-persunal fit-terremoti.

96 Il-proġetti ta' appoġġ soċjoekonomiku ddewmu prinċipalment minħabba l-parteċipazzjoni mfixkla tal-benefiċjarji tal-proġetti, l-għeluq tan-negozji u l-migrazzjoni tan-nies lejn provinċji oħra. Il-korsijiet universitarji nbidlu għal format online. Ħafna attivitajiet tal-proġetti rigward l-iżvilupp tal-ħiliet ġew sospiżi.

97 Għas-CCTE u s-C-ESSN, li huma ż-żewġ programmi ta' assistenza fi flus kontanti li jirrikjedu baġit addizzjonali minħabba t-terremoti (ara l-paragrafu ***88***), il-Gvern Tork ippropona li l-Kummissjoni testendi dan l-appoġġ għall-popolazzjonijiet ospitanti li saru vulnerabbli minħabba t-terremoti. Id-DĠ ECHO għalhekk għamel pagament ta' darba ta' EUR 12.25-il miljun lil ċittadini Torok vulnerabbli, prinċipalment għall-iskop ta' koeżjoni soċjali.

Il-Kummissjoni żgurat is-sostenibbiltà tal-proġetti ta' infrastruttura, iżda mhux tal-appoġġ soċjoekonomiku; is-sostenibbiltà tal-proġetti ewlenin tagħha dwar l-edukazzjoni u s-saħħa għadha mhix garantita

98 Is-sostenibbiltà tal-proġetti tvarja sinifikattivament bejn is-setturi. Ġiet żgurata s-sostenibbiltà tal-proġetti ta' **infrastruttura**. Is-sjieda tal-iskejjel u l-isptarijiet mibnija bl-appoġġ taħt l-FRIT ġiet ittrasferita lill-Ministeri rilevanti. Il-Ministeru Tork għas-Saħħa pprovda l-persunal kollu tal-isptar u bħalissa jħallas is-salarji tal-persunal, il-manutenzjoni tal-bini, it-tagħmir u l-kostijiet operatorji. Il-Ministeru għall-Edukazzjoni Nazzjonali integra l-iskejjel mibnija b'fondi mill-FRIT fis-sistema edukattiva nazzjonali Torka. Il-kostijiet operazzjonali u dawk tas-salarji u tal-manutenzjoni tal-iskejjel huma koperti mill-baġit nazzjonali.

99 Iż-żjara tagħna fuq il-post ikkonfermat li l-binjiet ma kinux ġarrbu ħsara, li t-tagħmir u l-kmamar kienu miżmuma tajjeb, li kien hemm biżżejjed persunal preżenti u li l-pazjenti kienu nnutaw titjib sinifikanti fl-aċċess tagħhom għal kura tas-saħħa ta' kwalità.

100 Barra minn hekk, iż-żjara tagħna fuq il-post ikkonfermat li l-iskejjel ma kinux ġarrbu ħsara strutturali, li kien hemm biżżejjed għalliema disponibbli u li l-materjali ffinanzjati kienu preżenti fl-iskejjel. Kemm l-istudenti kif ukoll l-għalliema kienu sodisfatti ħafna u kienu osservaw żieda fil-kwalità tal-infrastruttura tal-edukazzjoni. Madankollu, osservajna diversi problemi ta' manutenzjoni fir-rigward tal-binjiet tal-iskejjel u t-tagħmir ipprovdut.

101 Il-proġett prinċipali tal-FRIT fis-settur tal-**edukazzjoni** huwa l-PICTES. PICTES ma kienx jinkludi strateġija ta' eliminazzjoni gradwali, u l-finanzjament kompla permezz ta' PIKTES II u PIKTES+. PIKTES+ se jibqa' għaddej sa Ottubru 2025 u għadu ma jinkludix strateġija ta' ħruġ. Fuq nota pożittiva, il-proġett mhux biss żied is-sjieda tal-Ministeru Tork, iżda fisser ukoll li l-proġett ibbenefika mill-istrutturi li diġà jeżistu tal-Ministeru. Barra minn hekk, il-proġett ikkontribwixxa għall-bini tal-kapaċitajiet fit-tim tal-ġestjoni tal-proġett, fit-timijiet ta' koordinazzjoni provinċjali u fl-iskejjel. Diversi għalliema mħallsa mill-proġett PICTES saru impjegati taċ-ċivil.

102 Il-proġett prinċipali tal-FRIT fis-settur tas-**saħħa** huwa SIHHAT. Iċ-ċentri (estiżi) tas-saħħa tal-migranti li nbnew taħt il-proġett ġew integrati gradwalment fis-sistema nazzjonali Torka. Madankollu, SIHHAT I seta' jiġi sostnut biss minħabba finanzjament kontinwu permezz ta' SIHHAT II. Bħalissa dan il-proġett mhuwiex sostenibbli, billi l-kostijiet tas-salarji, tat-tagħmir u tal-kiri taċ-ċentri tas-saħħa xorta se jkollhom jiġu koperti mill-IPA (III) taħt SIHHAT III, li tnieda f'Jannar 2024. L-awtoritajiet Torok qed isibuha bi tqila li jassumu s-sjieda finanzjarja tal-proġett, minkejja li huma sinifikattivament involuti u għandhom il-kapaċità operazzjonali u finanzjarja biex jagħmlu dan.

103 Objettiv wieħed tal-proġett SHIFA huwa li l-proġett SIHHAT isir aktar sostenibbli billi jitnaqqas l-għadd ta' ċentri (estiżi) tas-saħħa tal-migranti li huma ffinanzjati minn SIHHAT u mikrija minn sidien privati. Madankollu, l-akbar sehem tal-kostijiet tal-proġett SIHHAT huwa dovut għas-salarji (SIHHAT I: 39 % u SIHHAT II: 60 %).

104 Il-proġetti ffinanzjati mill-FRT fil-qasam tal-**appoġġ soċjoekonomiku** kellhom inqas suċċess fil-ksib tas-sostenibbiltà. Madankollu, 15-il ċentru komunitarju ffinanzjati mill-FRIT komplew jiġu ffinanzjati minn sħab oħra ladarba l-appoġġ taħt l-FRIT intemm f'Diċembru 2021, u għalhekk l-attivitajiet tagħhom ma ġewx interrotti. Żorna ċ-ċentri komunitarji f'Ankara u Adana, u stajna nikkonfermaw li dawn kienu għadhom operazzjonali u miżmuma tajjeb. L-attivitajiet ta' koeżjoni soċjali u t-taħriġ vokazzjonali ma baqgħux jiġu offruti minħabba fondi insuffiċjenti. Il-benefiċjarji esprimew is-sodisfazzjon ġenerali tagħhom bis-servizzi pprovduti miċ-ċentri komunitarji.

105 Madankollu, ma twettaq l-ebda segwitu, wara li tlesta dan il-proġett, biex tiġi vverifikata s-sitwazzjoni ta' 76 intraprenditur li kienu rċevew finanzjament permezz ta' dawn iċ-ċentri komunitarji biex jistabbilixxu negozji. Is-sieħeb ta' implimentazzjoni pprova jikkuntattja lil dawn l-intraprendituri fuq talba li għamilna bi tħejjija għaż-żjara tagħna. Minnhom, 57 iddikjaraw li kienu għadhom fin-negozju. Minn dawn is-57, aħna żorna 4, li 2 minnhom irriżultaw li ma kinux għadhom fin-negozju (inizjali) tagħhom. Dan iqajjem dubji dwar l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar it-53 li jifdal.

106 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma mmonitorjatx lill-benefiċjarji tal-appoġġ soċjoekonomiku biex taċċerta jekk kinux sabu impjieg, jekk kinux qed japplikaw il-ħiliet vokazzjonali miksuba fil-prattika jew jekk in-negozji ġodda tagħhom kinux għadhom operazzjonali (il-***Kaxxa 2***). Il-Kummissjoni lanqas ma kienet taf kemm mill-benefiċjarji kienu ġew integrati formalment fl-ekonomija Torka u għalhekk setgħu jitneħħew mill-iskema ta' assistenza fi flus kontanti. L-għoti ta' taħriġ ma jiġġenerax valur għall-flus jekk il-maġġoranza l-kbira tal-parteċipanti sussegwentement jibqgħu qiegħda.

Kaxxa 2

Żjara għand l-intraprendituri (il-proġett 6)

Żorna żewġ intraprendituri Sirjani li kienu attendew korsijiet ta' intraprenditorija u rċevew appoġġ finanzjarju biex jistabbilixxu n-negozji tagħhom stess.

L-ewwel wieħed kien qed imexxi negozju tal-ħami bbażat id-dar. Il-benefiċjarju kien uża l-appoġġ biex jixtri tagħmir u prodotti tal-ħami. Madankollu, il-bażi tal-klijenti kienet limitata għall-popolazzjoni Sirjana, u b'mod aktar speċifiku għal dawk bid-dijabete u l-intolleranza għall-glutina. Minħabba din in-niċċa limitata tas-suq, in-negozju ma kienx finanzjarjament sostenibbli u l-benefiċjarju ma fittixx opportunitajiet biex itejbu.

It-tieni intraprenditur kien qed imexxi negozju ta' suċċess li jappoġġa lil studenti bl-applikazzjonijiet tagħhom għal universitajiet privati u pubbliċi. Il-benefiċjarju kien uża l-appoġġ finanzjarju biex jixtri tagħmir tal-uffiċċju u jirreġistra l-kumpanija b'mod uffiċjali. Il-benefiċjarju kien diġà qed jagħmel profitt sinifikanti u kellu sitt impjegati.

Tlabna lis-sieħeb ta' implimentazzjoni biex iwettaq segwitu tan-negozji ġodda kollha bi tħejjija għaż-żjara tal-awditjar tagħna, billi ma kinux għamlu dan bħala parti mill-proġett tal-FRIT. Il-proġett appoġġa 42 persuna biex jistabbilixxu n-negozju tagħhom stess. Bilkemm 10 xhur wara d-data tat-tmiem tal-proġett (Diċembru 2019), 24 minnhom biss (57 %) kienu għadhom fin-negozju. F'Mejju 2023, 11 biss kienu għadhom fin-negozju. Ir-raġunijiet prinċipali mogħtija mis-sieħeb ta' implimentazzjoni għall-falliment tan-negozji li ma għadhomx joperaw kienu l-COVID-19 u t-terremoti.

107 Fit-Turkija, l-Artikolu 4 tal-Liġi Internazzjonali dwar il-Forza tax-Xogħol Nru 6735[7] jirrikjedi li l-impjegaturi jkollhom mill-inqas ħames impjegati b'ċittadinanza Torka għal kull refuġjat Sirjan li għalih jitolbu permess tax-xogħol. Barra minn hekk, l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar il-Permessi tax-Xogħol Nru 6575[8] jiddikjara li l-għadd ta' barranin taħt protezzjoni temporanja ma jistax jaqbeż l-10 % taċ-ċittadini Torok fuq il-post tax-xogħol. Dan jindika li jiffavorixxu l-forza tax-xogħol nazzjonali u li jsibuha bi tqila li jkunu assoċjati ma' azzjonijiet li uffiċjalment jappoġġaw lis-Sirjani biex isibu impjieg. Dan jikkostitwixxi riskju għall-impatt tal-proġetti ta' appoġġ soċjoekonomiku.

[7] Il-Liġi Internazzjonali dwar il-Forza tax-Xogħol Nru 6735.

[8] Ir-Regolament dwar il-Permessi tax-Xogħol Nru 6575.

108 Iż-żewġ proġetti ta' infrastruttura muniċipali ffinanzjati mill-FRIT għadhom fi stadju bikri ħafna tal-kostruzzjoni, u għalhekk kien kmieni wisq biex tinsilet konklużjoni dwar is-sostenibbiltà tagħhom. It-terremoti se jwasslu wkoll għal dewmien addizzjonali, billi kien meħtieġ li jsiru bidliet fid-disinn u l-postijiet tal-proġetti kellhom jitqiesu mill-ġdid.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

109 Sibna li, f'kuntest diffiċli, il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija (FRIT) ipprovdiet appoġġ rilevanti lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti. Il-Kummissjoni tejbet il-ġestjoni tal-FRIT billi implimentat ir-rakkomandazzjonijiet li għamilna fl-2018. Il-proġetti kollha eżaminati indirizzaw il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji, għalkemm kien hemm dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni għal diversi raġunijiet. Madankollu, il-Kummissjoni ma vvalutatx sistematikament ir-raġonevolezza tal-kostijiet tal-proġetti. Għalkemm sa issa l-outputs ippjanati twasslu, sibna kejl insuffiċjenti tal-impatt tal-FRIT. Sa issa, is-sostenibbiltà ġiet żgurata biss għall-proġetti ta' infrastruttura. Għalkemm sar titjib mill-2018 'il hawn, nikkonkludu li l-FRIT xorta setgħet tikseb valur akbar għall-flus u impatt dimostrabbli.

110 Il-Kummissjoni implimentat ir-rakkomandazzjonijiet kollha tagħna mir-Rapport Speċjali 27/2018 u b'hekk tejbet il-ġestjoni tal-FRIT. Hija għamlet dan billi qiegħdet fokus akbar fuq l-infrastruttura muniċipali u l-appoġġ soċjoekonomiku, naqqset l-għadd ta' strumenti ta' finanzjament u tejbet il-qafas ta' monitoraġġ tagħha, kif ukoll l-effiċjenza tal-proġetti ta' assistenza fi flus kontanti. F'kuntest politiku diffiċli, il-Kummissjoni għandha l-għan li tittrasferixxi l-proġetti lill-awtoritajiet Torok u ttejjeb l-ambjent operazzjonali għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi (internazzjonali). Madankollu, in-nuqqas ta' rieda politika min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali jillimita l-impatt tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni (il-paragrafi ***16*** sa ***33***).

111 Il-proġetti kollha kkampjunati indirizzaw il-ħtiġijiet tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti fid-diversi setturi. Il-finanzjament taħt l-FRIT żgura l-allokazzjoni rapida ta' riżorsi finanzjarji u investiment sostanzjali biex tittaffa l-pressjoni fuq l-infrastruttura tas-saħħa, tal-edukazzjoni u muniċipali eżistenti kkawżata mill-influss għoli ta' refuġjati (il-paragrafi ***35*** sa ***37***). Il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji ġew indirizzati b'mod adegwat matul l-implimentazzjoni tal-proġetti, iżda mhux il-ħtiġijiet kollha tal-benefiċjarji setgħu jiġu ssodisfati, minħabba limitazzjonijiet fid-daqs tal-proġetti u l-finanzjament disponibbli (il-paragrafi ***38*** sa ***48***). Għalkemm il-biċċa l-kbira mill-proġetti ġew approvati b'mod f'waqtu, l-implimentazzjoni tagħhom iddewmet b'mod sinifikanti għal diversi raġunijiet. Għall-biċċa l-kbira mill-proġetti, il-Kummissjoni interveniet b'mod effettiv u f'waqtu. F'diversi każijiet, id-dewmien kien ikkawżat minn problemi li ma setgħux jiġu indirizzati fi żmien qasir (il-paragrafi ***49*** sa ***53***).

112 Il-Kummissjoni implimentat proġetti tal-FRIT taħt ġestjoni diretta u indiretta kif ukoll permezz ta' diversi tipi ta' sħab ta' implimentazzjoni (il-paragrafi ***54*** sa ***57***). Sibna dgħufijiet fil-valutazzjoni tal-baġits u l-addenda tal-proġetti min-naħa tal-Kummissjoni, billi ma vvalutatx sistematikament ir-raġonevolezza tal-kostijiet tal-proġetti, ma qabblitx kostijiet simili bejn proġetti differenti jew ma kkalkulatx il-kost għal kull benefiċjarju (il-paragrafi ***58*** sa ***60***). Il-Kummissjoni ma setgħetx tikkontesta x-xerqien tal-limitu stabbilit għall-kostijiet amministrattivi (il-paragrafi ***61*** sa ***63***).

Rakkomandazzjoni 1 – Jittejbu l-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-kostijiet

Biex iżżid l-effiċjenza tal-proġetti ta' żvilupp tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) tanalizza u tiddokumenta b'mod sistematiku r-raġonevolezza tal-kostijiet ibbaġitjati tal-proġetti u tiżgura li informazzjoni rilevanti u komparattiva dwar il-kostijiet tkun disponibbli biex tiġi mmonitorjata u dimostrata l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-proġetti;

(b) tieħu miżuri li jiżguraw li l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' azzjonijiet futuri jieħdu kont aħjar tal-kosteffettività; u

(c) tirreġistra u tanalizza b'mod sistematiku l-informazzjoni dwar il-kostijiet amministrattivi tal-programmi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża din l-informazzjoni biex tqabbel il-proġetti u tidentifika l-aħjar prattika, speċjalment għall-proġetti ta' valur għoli.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: il-31 ta' Diċembru 2024

113 B'mod ġenerali, l-outputs ippjanati fid-diversi setturi kienu twasslu (il-paragrafi ***65*** sa ***79***). Fis-settur tal-edukazzjoni, il-biċċa l-kbira mill-outputs kienu nkisbu iżda ma kienx possibbli li jiġi vvalutat l-impatt tal-finanzjament taħt l-FRIT ikkampjunat fuq l-integrazzjoni u s-suċċess tat-tfal refuġjati fis-sistema edukattiva Torka. Lanqas ma stajna nivvalutaw l-impatt tal-kostruzzjoni tal-iskejjel fuq il-benefiċjarji. Dan kien dovut għal-limitazzjonijiet fid-*data* pprovduta mill-Ministeru Tork għall-Edukazzjoni Nazzjonali (il-paragrafi ***15***, ***69*** sa ***71***).

Rakkomandazzjoni 2 – Tinġabar *data* dwar l-edukazzjoni mill-awtoritajiet Torok rigward ir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikseb aċċess għad-*data* mill-awtoritajiet Torok dwar ir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti fis-settur tal-edukazzjoni (eż. il-proporzjon ta' refuġjati mal-istudenti tal-komunitajiet ospitanti għal kull tip ta' skola, u *data* dwar ir-rati ta' attendenza u ta' suċċess), sabiex ittejjeb l-obbligu ta' rendikont u l-effiċjenza fil-monitoraġġ tagħha tal-proġetti edukattivi u tiddetermina l-impatt tal-finanzjament taħt l-FRIT relatat.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: il-31 ta' Diċembru 2024

114 Il-Kummissjoni stabbiliet miżuri xierqa biex timmonitorja l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-FRIT. Madankollu, l-oqfsa ta' rappurtar u monitoraġġ tal-proġetti kienu ġeneralment imfassla biex ikejlu l-outputs aktar milli l-eżiti. Dan jagħmilha diffiċli li jitkejjel l-impatt tal-proġetti, speċjalment fis-settur soċjoekonomiku (il-paragrafi ***77***, ***80*** sa ***84***).

Rakkomandazzjoni 3 – Jittejjeb il-kejl tal-impatt tal-proġetti

Biex ittejjeb il-kejl tal-impatt tal-proġetti tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni taħdem flimkien mal-awtoritajiet Torok biex:

(a) tiżviluppa aktar l-oqfsa loġiċi għall-proġetti rilevanti kollha ffinanzjati mill-FRIT, inklużi indikaturi ddefiniti b'mod ċar bl-użu ta' valuri bażi u valuri fil-mira li jippermettu l-kejl tal-impatt. Jenħtieġ li dan jippermetti t-twettiq ta' żjarat ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex jiġu vvalutati l-eżiti u l-impatt tal-proġetti;

(b) twettaq segwitu biex tiġi vverifikata s-sitwazzjoni tal-benefiċjarji tal-proġetti, fejn ikun fattibbli u prattiku, sa sena wara li jkunu ntemmu l-proġetti.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 30 ta' Ġunju 2026

115 Fi Frar 2023 seħħew żewġ terremoti devastanti fin-Nofsinhar tat-Turkija u fit-Tramuntana tas-Sirja, li rriżultaw f'ħafna vittmi u ħsara mifruxa. It-terremoti kellhom impatt sinifikanti fuq l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-FRIT. Madankollu, il-Kummissjoni aġixxiet malajr u b'mod effiċjenti biex tanalizza l-impatt possibbli fuq il-proġetti tal-FRIT (il-paragrafi ***87*** sa ***97***).

116 Il-Kummissjoni setgħet tiżgura s-sostenibbiltà għall-proġetti ta' infrastruttura. Madankollu, il-proġetti fis-setturi l-oħra ma kinux jinkludu strateġija ta' sostenibbiltà, u għalhekk is-sostenibbiltà tagħhom ma kinitx garantita (il-paragrafi ***98*** sa ***108***).

Rakkomandazzjoni 4 – Tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-proġetti

Biex jiġi massimizzat l-impatt tal-finanzjament taħt l-FRIT għall-benefiċjarji, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) tibda diskussjoni mal-Istati Membri u mal-awtoritajiet Torok dwar kif tiġi żgurata s-sostenibbiltà. Jenħtieġ li din tinkludi strateġija u manwal ċar dwar it-trasferiment għal kull proġett tal-FRIT, bid-dati korrispondenti. Jenħtieġ li din l-istrateġija tkopri l-finanzjament futur ta' kull attività tal-proġetti, il-kapaċità teknika tas-sħab ta' implimentazzjoni u l-manutenzjoni adegwata (jekk applikabbli);

(b) tinkludi taqsima ta' "tagħlimiet meħuda" fir-rappurtar finali kollu tal-proġetti, b'sejbiet u rakkomandazzjonijiet biex tittejjeb is-sostenibbiltà tar-riżultati futuri tal-proġetti.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: il-31 ta' Diċembru 2027

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sra Bettina Jakobsen, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Frar 2024.


Għall-Qorti tal-Awdituri

Tony Murphy
Il-President

Annessi


Anness I – Diżaggregazzjoni tar-refuġjati Sirjani u tal-applikanti għall-ażil fit-Turkija f'Diċembru 2023, skont il-provinċja

Ir-refuġjati Sirjani u l-applikanti għall-ażil fit-Turkija f'Diċembru 2023, skont il-provinċja



Sirjani rreġistrati bħala proporzjon tal-popolazzjoni totali residenti fil-provinċja
(imqassma mill-ogħla rata sa' dik l-aktar baxxa)


Partizzjoni safra: *Proporzjon ta' Sirjani rreġistrati bħala parti mill-popolazzjoni totali tal-provinċja*
Erja taċ-ċirku: *Għadd totali ta' persuni li jgħixu fil-provinċja*



*Kilis għandha l-**ogħla proporzjon ta' refuġjati Sirjani** għall-**popolazzjoni totali** tagħha, fejn aktar minn terz tar-residenti tal-provinċja huma refuġjati*

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Presidenza tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni, it-Turkija.

Anness II – Kontribuzzjonijiet għall-faċilità mill-UE, l-Istati Membri u r-Renju Unit



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

Anness III – Proġetti ta' żvilupp tal-FRIT

Proġetti fil-kampjun tal-awditjar tagħna

	Segment	Tip ta' sieħeb ta' implimentazzjoni	Qasam ta' prijorità	Deskrizzjoni	Data tal-bidu	Data tat-tmiem	EUR impenjati	EUR żborżati
	L-ewwel segment	NGO internazzjonali	Edukazzjoni	*Aċċess għall-Edukazzjoni Għolja għar-Refuġjati Sirjani u l-IDPs bi tħejjija għar-rikostruzzjoni tas-Sirja wara l-kunflitt u l-integrazzjoni fil-komunitajiet ospitanti*	15.8.2016	14.1.2021	5 969 655	5 969 655
1		**NGO internazzjonali**	**Saħħa, Appoġġ soċjoekonomiku**	***Indirizzar tal-Vulnerabbiltajiet tar-Refuġjati u tal-Komunitajiet Ospitanti f'Ħames Pajjiżi Milquta mill-Kriżi tas-Sirja***	**15.12.2016**	**28.2.2021**	**32 399 356**	**32 399 356**
		NGO internazzjonali	Edukazzjoni, Appoġġ soċjoekonomiku	*Nibnu l-Ġejjieni – Appoġġ għall-Edukazzjoni u l-Għajxien ta' Kwalità għas-Sirjani taħt Protezzjoni Temporanja fit-Turkija*	15.12.2017	31.12.2021	17 280 000	16 910 166
		Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali	Infrastruttura tal-edukazzjoni	*Miżuri ta' Enerġija Nadifa u ta' Effiċjenza fl-Enerġija għall-komunitajiet ospitanti fit-Turkija ma' Sirjani taħt Protezzjoni Temporanja*	1.3.2018	30.6.2024	40 000 000	39 800 000
2		**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali**	**Infrastruttura tas-saħħa**	***Kostruzzjoni ta' Sptar tal-Istat f'Hatay***	**1.1.2018**	**30.6.2023**	**40 000 000**	**40 000 000**
		Aġenzija tan-NU	Edukazzjoni	*Programm ta' edukazzjoni u protezzjoni għat-tfal vulnerabbli Sirjani u tal-komunità ospitanti, fil-Libanu, il-Ġordan u t-Turkija*	1.1.2018	30.4.2019	31 382 891	31 382 891

Proġetti fil-kampjun tal-awditjar tagħna

	Segment	Tip ta' sieħeb ta' implimentazzjoni	Qasam ta' prijorità	Deskrizzjoni	Data tal-bidu	Data tat-tmiem	EUR impenjati	EUR żborżati
3		**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali**	**Infrastruttura tal-edukazzjoni**	***Edukazzjoni għal kulħadd fi żminijiet ta' kriżi II***	**5.12.2016**	**30.6.2025**	**255 000 000**	**231 200 000**
4		**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali**	**Infrastruttura tal-edukazzjoni**	***l-infrastruttura tal-Edukazzjoni għal Attivitajiet ta' Reżiljenza fit-Turkija***	**22.12.2016**	**30.6.2025**	**150 000 000**	**150 000 000**
		Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali	Appoġġ soċjoekonomiku	*Appoġġ għall-Impjiegi għas-Sirjani taħt Protezzjoni Temporanja u l-Komunitajiet Ospitanti*	16.6.2017	31.12.2022	50 000 000	50 000 000
		NGO lokali	Appoġġ soċjoekonomiku	*Appoġġ Imsaħħaħ għall-Applikanti għall-Ażil Milquta mill-Kriżi Sirjana u dik Iraqqina fit-Turkija*	6.12.2019	5.4.2020	9 937 867	9 937 867
		Aġenzija tan-NU	Ġestjoni tal-migrazzjoni	*Titjib tal-kapaċità tal-Gwardja tal-Kosta Torka biex twettaq operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ*	22.8.2016	21.2.2018	20 000 000	20 000 000
		Aġenzija tan-NU	Edukazzjoni	*Generation Found: Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-Unjoni Ewropea b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana – Sħubija tal-UNICEF (ir-referenza 12)*	1.12.2015	31.12.2017	36 950 286	36 950 286
5		**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali**	**Infrastruttura tas-saħħa**	***L-infrastruttura tas-saħħa f'Kilis***	**13.11.2017**	**30.6.2023**	**50 000 000**	**50 000 000**

Proġetti fil-kampjun tal-awditjar tagħna

	Segment	Tip ta' sieħeb ta' implimentazzjoni	Qasam ta' prijorità	Deskrizzjoni	Data tal-bidu	Data tat-tmiem	EUR impenjati	EUR żborżati
6		**NGO internazzjonali**	**Edukazzjoni**	***Edukazzjoni Għolja għas-Sirjani taħt Protezzjoni Temporanja u l-Komunitajiet Ospitanti Żvantaġġati fit-Turkija***	**31.12.2017**	**30.12.2019**	**4 860 615**	**4 860 615**
		NGO internazzjonali	Edukazzjoni Għolja	*HOPES – Opportunitajiet u perspettivi ta' edukazzjoni għla u avvanzata għas-Sirjani*	26.4.2016	25.8.2020	2 700 000	2 700 000
		Aġenzija tan-NU	Saħħa	*Aċċess imtejjeb għas-servizzi tas-saħħa għar-refuġjati Sirjani fit-Turkija*	1.4.2018	30.6.2021	11 204 202	11 204 202
		Aġenzija tan-NU	Appoġġ soċjoekonomiku	*Ħolqien ta' Impjiegi u Opportunitajiet ta' Intraprenditorija għas-Sirjani taħt Protezzjoni Temporanja u l-Komunitajiet Ospitanti fit-Turkija*	1.2.2018	31.1.2023	11 610 000	11 591 158
7		**Organizzazzjoni Nazzjonali**	**Appoġġ soċjoekonomiku**	***Ngħixu u Naħdmu Flimkien: Integrazzjoni tal-SuTPs fl-Ekonomija Torka***	**26.12.2018**	**25.5.2023**	**15 000 000**	**13 352 965**
8		**Korp Pubbliku**	**Edukazzjoni**	***PICTES I – Il-promozzjoni tal-Integrazzjoni tat-Tfal Sirjani fis-Sistema Edukattiva Torka***	**4.10.2016**	**3.7.2019**	**300 000 000**	**297 838 560**
		NGO internazzjonali	Edukazzjoni, Appoġġ soċjoekonomiku	*Qudra – Reżiljenza għar-Refuġjati Sirjani, l-IDPs u l-komunitajiet ospitanti b'rispons għall-kriżi Sirjana u dik Iraqinna*	15.6.2016	31.8.2019	18 207 812	18 207 812

Proġetti fil-kampjun tal-awditjar tagħna

	Segment	Tip ta' sieħeb ta' implimentazzjoni	Qasam ta' prijorità	Deskrizzjoni	Data tal-bidu	Data tat-tmiem	EUR impenjati	EUR żborżati
9		**Korp Pubbliku**	**Saħħa**	***SIHHAT I – Titjib tal-istatus tas-saħħa tal-popolazzjoni Sirjana taħt protezzjoni temporanja u servizzi relatati pprovduti mill-Awtoritajiet Torok***	**1.12.2016**	**31.1.2021**	**300 000 000**	**297 484 706**
		Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali	Appoġġ soċjoekonomiku	*Koeżjoni Soċjali u Ekonomika permezz tal-Edukazzjoni Vokazzjonali*	16.11.2017	15.8.2023	50 000 000	48 550 000
		Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali	Appoġġ soċjoekonomiku	*Tisħiħ tal-Opportunitajiet Ekonomiċi għas-Sirjani taħt Protezzjoni Temporanja u l-Komunitajiet Ospitanti fil-Provinċji Magħżula*	1.1.2018	31.12.2023	5 000 000	5 000 000
		Aġenzija tan-NU	Appoġġ soċjoekonomiku	*Tisħiħ tar-Reżiljenza tan-Nisa u l-Bniet Sirjani u l-Komunitajiet Ospitanti fl-Iraq, il-Ġordan u t-Turkija*	1.2.2018	31.1.2021	5 529 078	5 529 078
		Korp Pubbliku	Ġestjoni tal-migrazzjoni	*Appoġġ għall-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016*	4.4.2016	3.12.2019	60 000 000	60 000 000
		Aġenzija tan-NU	Appoġġ soċjoekonomiku	*TRP – Proġett tal-UNDP favur ir-Reżiljenza tat-Turkija b'rispons għall-Kriżi tas-Sirja*	1.2.2018	30.6.2023	50 000 000	50 000 000

Proġetti fil-kampjun tal-awditjar tagħna

	Segment	Tip ta' sieħeb ta' implimentazzjoni	Qasam ta' prijorità	Deskrizzjoni	Data tal-bidu	Data tat-tmiem	EUR impenjati	EUR żborżati
	It-tieni segment	Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali	Appoġġ soċjoekonomiku	*Appoġġ għall-impjiegi agrikoli għar-refuġjati u ċ-ċittadini Torok permezz ta' proġett imtejjeb ta' rabtiet tas-suq*	29.9.2020	30.6.2025	50 217 751	33 480 000
10		**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali**	**Infrastruttura muniċipali**	***Kostruzzjoni u riabilitazzjoni tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ilma mormi u miżuri mhux vinkolanti relatati biex tittejjeb l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-ilma***	**1.1.2020**	**30.6.2025**	**214 821 680**	**87 708 218**
		Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali	Infrastruttura tal-edukazzjoni	*Edukazzjoni għal kulħadd fi żminijiet ta' kriżi III*	10.8.2019	31.12.2025	100 000 000	40 000 000
		Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali	Appoġġ soċjoekonomiku	*Għoti tas-setgħa lis-settur privat biex irawwem il-koeżjoni soċjali u ekonomika fit-Turkija*	21.12.2020	20.12.2025	75 000 000	30 276 200
11		**Organizzazzjoni Internazzjonali**	**Appoġġ soċjoekonomiku**	***ENHANCER – Tisħiħ tal-Kapaċitajiet ta' Intraprenditorija għal Integrazzjoni Soċjoekonomika Sostenibbli***	**1.1.2020**	**30.6.2025**	**32 502 249**	**19 147 377**
		Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali	Appoġġ soċjoekonomiku	*Proġett formali għall-ħolqien tal-Impjiegi*	29.9.2020	30.6.2025	80 000 000	20 000 000

Proġetti fil-kampjun tal-awditjar tagħna

	Segment	Tip ta' sieħeb ta' implimentazzjoni	Qasam ta' prijorità	Deskrizzjoni	Data tal-bidu	Data tat-tmiem	EUR impenjati	EUR żborżati
12		**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali**	**Saħħa**	***Infrastruttura tas-saħħa – tagħmir***	**1.3.2021**	**28.2.2025**	**90 000 000**	**33 256 945**
		Korp Pubbliku	Appoġġ soċjoekonomiku	*Titjib tal-istandards tal-għajxien tar-refuġjati l-aktar vulnerabbli permezz ta' appoġġ għall-ħtiġijiet bażiċi (C-ESSN)*	18.12.2020	9.12.2024	245 000 000	216 727 472
		Korp Pubbliku	Protezzjoni	*Tiżdied l-Aċċessibbiltà għas-Servizzi Soċjali mill-Aktar Segmenti Vulnerabbli taċ-Ċittadini Torok, il-Persuni taħt Protezzjoni Temporanja (PuTPs) u l-Persuni taħt Protezzjoni Internazzjonali (PuIPs)*	18.12.2020	17.12.2023	20 000 000	15 874 875
13		**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali**	**Infrastruttura muniċipali**	***Proġett għat-titjib tas-servizzi muniċipali***	**29.9.2020**	**30.6.2025**	**140 178 320**	**90 000 000**
		Korp Pubbliku	Edukazzjoni	*PIKTES II – Il-promozzjoni tal-Integrazzjoni tat-Tfal Sirjani fis-Sistema Edukattiva Torka*	21.12.2018	20.1.2023	400 000 000	355 035 342
		Korp Pubbliku	Saħħa	*SIHHAT 2 – għotja diretta lill-Ministeru għas-Saħħa*	15.12.2020	14.12.2023	210 000 000	185 975 803
		Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali	Appoġġ soċjoekonomiku	*Koeżjoni Soċjali u Ekonomika permezz tal-Edukazzjoni Vokazzjonali fit-Turkija – II*	9.12.2020	9.12.2024	75 000 000	26 500 000

Proġetti fil-kampjun tal-awditjar tagħna

	Segment	Tip ta' sieħeb ta' implimentazzjoni	Qasam ta' prijorità	Deskrizzjoni	Data tal-bidu	Data tat-tmiem	EUR impenjati	EUR żborżati
		Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali	Appoġġ soċjoekonomiku	*Proġett dwar l-Intraprenditorija Soċjali, l-għoti tas-setgħa u l-koeżjoni fost ir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti fit-Turkija*	29.9.2020	30.6.2025	42 280 000	42 280 000
		Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali	Infrastruttura muniċipali	*Tisħiħ taż-żgħażagħ vulnerabbli permezz ta' infrastruttura aħjar u inklużiva tal-isport u taż-żgħażagħ*	11.7.2020	10.7.2024	25 000 000	25 000 000
14		**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali**	**Appoġġ soċjoekonomiku**	***Il-proġett Appoġġ għat-tranżizzjoni lejn is-suq tax-xogħol***	**29.9.2020**	**30.6.2025**	**80 000 000**	**43 000 000**
		Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali	Appoġġ soċjoekonomiku	*VET4JOB – Titjib tal-prospetti ta' impjieg għar-refuġjati Sirjani u l-komunitajiet ospitanti permezz ta' VET u apprendistat ta' kwalità għolja fit-Turkija*	1.1.2020	31.12.2023	30 000 000	24 120 294
	TOTAL						**3 483 031 762**	**2 829 251 843**

Sors: il-Kummissjoni Ewropea.

Anness IV – Nuqqas ta' aċċess għad-*data* dwar l-edukazzjoni

Il-Kummissjoni u l-Ministeru Tork għall-Edukazzjoni Nazzjonali ffirmaw kuntratt ta' għotja għall-proġett PICTES fi tmiem Settembru 2016. Skont l-Artikolu 16.7 tal-kundizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-kuntratti ta' għotja għall-azzjoni esterna ffinanzjati mill-UE, il-Ministeru jeħtieġlu jżomm id-dokumenti kollha rigward il-kuntratt għal ħames snin wara l-pagament tal-bilanċ. Il-Kummissjoni ħallset il-bilanċ fis-27 ta' Diċembru 2019, u dan ifisser li l-Ministeru jeħtieġlu jżomm id-dokumenti kollha sas-26 ta' Diċembru 2024.

Matul l-awditu li wettaqna, il-Ministeru sfortunatament ma taniex aċċess għad-*data* tal-edukazzjoni dwar ir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti, minkejja t-talbiet ripetuti li għamilna. Madankollu, kif turi t-tabella ta' hawn taħt, diversi proġetti PIKTES jew jimmonitorjaw din id-*data* jew inkella jinkludu indikaturi relatati. Din id-*data* kienet tkun tippermettilna nivvalutaw l-impatt tal-proġetti edukattivi PIKTES.

***Data* mingħand il-Ministeru għall-Edukazzjoni li ntalbet min-naħa tal-QEA**	**Disponibbli għal PICTES**	**Disponibbli għal PIKTES II**	**Immonitorjata taħt PIKTES+**	***Data* disponibbli fil-Ministeru għall-Edukazzjoni Nazzjonali**	**Indikaturi relatati taħt PICTES, PIKTES II jew PIKTES+**
Lista ta' skejjel appoġġati u maqsuma bejn it-tipi differenti ta' skejjel	Le	Iva	Iva	Iva	Iva
L-għadd ta' studenti Sirjani u studenti refuġjati oħra għal kull skola appoġġata	Le	Iva	Iva	Iva	Iva
L-għadd ta' tfal li ma kinux jattendu l-iskola u li ġew integrati mill-ġdid fis-sistema skolastika bis-saħħa tal-proġett	Le	Le	Le	Iva	Iva
L-għadd ta' refuġjati li spiċċaw l-iskola primarja u dik sekondarja	Le	Le	Iva	Iva	Iva
L-għadd ta' refuġjati li marru l-università	Le	Le	Le	Mhux ċar	Le
Ir-rati ta' suċċess tar-refuġjati *vs* dawk tal-komunitajiet ospitanti fl-iskejjel appoġġati	Le	Le	Le	Iva	Iva

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

Anness V – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tar-Rapport Speċjali 27/2018

Livell ta' implimentazzjoni:  bis-sħiħ;  fil-biċċa l-kbira mill-aspetti;  f'xi wħud mill-aspetti;  mhux implimentata.

Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
	Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
Rakkomandazzjoni 1: Indirizzar aħjar tal-ħtiġijiet tar-refuġjati f'dak li jirrigwarda infrastruttura muniċipali u appoġġ soċjoekonomiku. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sal-31.12.2019. Ksib reali: qabel id-data ta' skadenza		
Rakkomandazzjoni 2: Titjib tar-razzjonalizzazzjoni u l-komplementarjetà tal-assistenza. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sal-31.12.2019. Ksib reali: qabel id-data ta' skadenza		

Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
	Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
Rakkomandazzjoni 3: Implimentazzjoni ta' strateġija għat-tranżizzjoni minn assistenza umanitarja għal assistenza għall-iżvilupp. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sal-31.12.2021. Ksib reali: qabel id-data ta' skadenza		Mill-2018 'il hawn, l-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni ntlaqtet mid-deterjorament fir-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u t-Turkija. Il-Kummissjoni ħejjiet nota dwar it-tranżizzjoni sostenibbli. Madankollu, id-delegazzjoni Torka oġġezzjonat għat-terminu "tranżizzjoni sostenibbli", bl-argument li jenħtieġ li l-fokus minflok ikun fuq il-kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet mal-UE. L-UE allokat EUR 3 biljun addizzjonali lir-refuġjati fit-Turkija għall-perjodu 2021-2023. Dan il-finanzjament addizzjonali jiżgura l-kontinwazzjoni tal-interventi ewlenin tal-FRIT. B'mod parallel, u minkejja n-nuqqas ta' rieda tat-Turkija, id-DĠ NEAR intensifika l-isforzi biex jimpenja lill-awtoritajiet Torok biex ikomplu jappoġġaw lir-refuġjati wara li tintemm l-FRIT. Sfortunatament, skont il-barometru Sirjan tal-2021, fit-Turkija hemm kunsens dejjem akbar li r-refuġjati huma piż fuq il-pajjiż u li jenħtieġ li r-ritorn tagħhom jiġi aċċellerat. Dan kellu impatt negattiv fuq it-trasferiment lill-awtoritajiet Torok tal-proġetti tal-FRIT mill-Kummissjoni.
Rakkomandazzjoni 4: Titjib fl-effiċjenza ta' proġetti ta' assistenza fi flus kontanti. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sal-31.12.2020. Ksib reali: qabel id-data ta' skadenza		

Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
	Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
Rakkomandazzjoni 5: Tindirizza, flimkien mal-awtoritajiet Torok, il-ħtieġa li jsir titjib fl-ambjent operazzjonali għall-NGOs (internazzjonali). Data mmirata għall-implimentazzjoni: sal-31.12.2019.		L-ambjent operazzjonali għall-NGOs (internazzjonali) iddeterjora mill-2018 'il hawn. Il-liġi attwali dwar l-assoċjazzjonijiet hija għalhekk rigressjoni mil-liġi oriġinali tal-2004 u tipprovdi ħafna perkorsi għall-Ministeru għall-Intern biex iqiegħed fil-mira lill-NGOs. Il-Kummissjoni indirizzat il-kwistjoni tal-funzjonament tal-NGOs diversi drabi fil-laqgħat tal-kumitat ta' tmexxija, fil-laqgħat tal-Kunsill u fi djalogi politiċi ta' livell għoli. Madankollu, in-nuqqas ta' rieda politika min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali jillimita l-impatt tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni.
Rakkomandazzjoni 6: Tintensifika l-monitoraġġ u r-rappurtar tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sal-31.12.2019. Ksib reali: it-30.6.2020.		Għalkemm l-awtoritajiet Torok issa taw aċċess, eż. għall-awditi tal-QEA relatati mad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni fil-perjodu 2021-2022, għad hemm restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-sħab ta' implimentazzjoni.

Sors: il-QEA.

Anness VI – Awditu tas-sistema ta' ġestjoni tad-*data*

Eżaminajna l-kontrolli ġenerali tas-sistema ta' informazzjoni ta' SUMAF u vvalutajna l-integrità, id-disponibbiltà u l-kunfidenzjalità tad-*data* li tinsab fis-sistema. Nikkonkludu li SUMAF għandu kontrolli adegwati fil-biċċa l-kbira mill-oqsma eżaminati. Madankollu, jeżistu dgħufijiet rigward il-ġestjoni tal-aċċess tal-utenti, is-sigurtà tal-informazzjoni u l-kontrolli tal-applikazzjoni, li jwasslu għar-riskji ta' tbagħbis ta' *data*, tixrid ta' *data*, aċċess mhux awtorizzat għas-sistema, bidliet malizzjużi fid-*data* u nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistema.

B'mod partikolari:

— Id-*data* tas-sistema tkun fi tranżitu fil-biċċa l-kbira mill-ħin u diversi kontrolli jitwettqu manwalment. Dan joħloq ir-riskju li jsiru bidliet żbaljati jew malizzjużi fid-*data*, u li d-*data* tkun esposta għal theddid marbut mat-trattament ta' verżjonijiet differenti tal-istess fajl.

Azzjoni meħuda mill-Kummissjoni wara l-awditu li wettaqna: SUMAF qed jaġġusta s-sistema tiegħu biex b'hekk, kull darba li jittella' fajl Excel, kopja tiġi ġġenerata u maħżuna awtomatikament. SUMAF qed jesplora wkoll il-fattibbiltà li ssir bidla għal rappurtar online min-naħa tas-sħab ta' implimentazzjoni.

— Il-politika tal-password tas-sistema (f'termini ta' tul, kumplessità u storja) hija dgħajfa. Osservajna skrins tas-sistema li fuqhom l-identifikaturi tal-utenti u l-passwords ma kinux moħbija, iżda pjuttost viżibbli f'kitba sempliċi. Dan ifisser li persuna mhux awtorizzata tista' tikseb aċċess għal informazzjoni protetta billi tara fiżikament l-iskrin.

Azzjoni meħuda mill-Kummissjoni wara l-awditu li wettaqna: SUMAF introduċa regoli aktar stretti dwar il-passwords. Minn Novembru 2023, l-utenti jeħtiġilhom ukoll ibiddlu l-passwords kull sitt xhur.

— L-operazzjonijiet ta' SUMAF jiddependu ħafna fuq fornituri esterni tas-servizzi. Iż-żewġ rwoli ewlenin tiegħu – xjenzjat tad-*data* u żviluppatur tad-*data* – jitwettqu minn kuntratturi esterni. Barra minn hekk, dawn iż-żewġ rwoli għandhom aċċess sħiħ ta' amministratur għall-pjattaforma tas-sistema ta' ġestjoni tad-*data*, li jużaw biex joħolqu, iħassru, jattivaw u jiddiżattivaw lill-utenti. Ir-riskju ta' attivitajiet mhux awtorizzati (bħal tixrid ta' *data* jew nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistema) għalhekk ma jistax jiġi eliminat.

Azzjoni meħuda mill-Kummissjoni wara l-awditu li wettaqna: l-ebda, billi l-Kummissjoni ma tqisx li dan huwa fattibbli minħabba li t-tim ta' SUMAF jikkonsisti minn 15-il persuna biss.

— Għall-proċess ta' ġbir ta' *data* trimestrali, sibna li s-sistema tirreġistra l-identifikaturi tal-utenti u d-dati biss għall-aħħar entrata ta' kull pass. Dan jillimita t-traċċabbiltà u l-obbligu ta' rendikont fir-rigward ta' azzjonijiet preċedenti tal-utenti. Sibna wkoll li l-utent seta' jaċċessa l-passi ta' trimestru diġà kkompletat u jimmodifika l-informazzjoni għal kwalunkwe pass mingħajr ma jintalab ġustifikazzjoni.

  <u>Azzjoni meħuda mill-Kummissjoni wara l-awditu li wettaqna</u>: SUMAF tejjeb is-sistema ta' reġistrazzjoni tas-Sistema ta' Ġbir u Ġestjoni tad-Data biex tirreġistra l-bidliet kollha fil-valuri tad-data (inklużi d-data, l-utent responsabbli u l-valuri preċedenti u dawk ġodda). Dan diġà ġie implimentat għar-rekords tal-progress tal-ġbir ta' data (jiġifieri rekords tal-progress permezz tal-passi tas-sistema ta' ġbir tad-data). Barra minn hekk, SUMAF se jżid karatteristika ġdida mas-sistema li tirrikjedi li superviżur japprova tali bidliet.

Sors: il-QEA.

Anness VII – Dewmien fl-implimentazzjoni

Numru tal-proġett	Tip ta' Sieħeb ta' Implimentazzjoni	Raġunijiet għad-dewmien fl-implimentazzjoni
1	**NGO Internazzjonali – Saħħa/Appoġġ soċjoekonomiku**	1. Dewmien fir-reklutaġġ tal-persunal minħabba strutturi ta' approvazzjoni kumplessi u proċeduri li jieħdu ħafna ħin għall-approvazzjonijiet tas-sigurtà. 2. Dewmien fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ vokazzjonali (minħabba teħid ta' deċiżjonijiet kumpless u diffikultajiet fil-bini ta' sħubijiet ma' partijiet ikkonċernati lokali li jispeċjalizzaw fit-taħriġ vokazzjonali, bħal ISKUR). 3. Estensjoni tal-proġett minn 10 għal 15-il ċentru komunitarju. 4. Il-pandemija tal-COVID-19.
2	**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Infrastruttura tas-saħħa**	1. Matul l-iskavar kien hemm għadd ta' problemi strutturali. 2. Mill-2018 'il hawn kien hemm regolamenti ġodda dwar it-terremoti, li wasslu għal bidliet strutturali fid-disinn. 3. Negozjati twal bejn is-sieħeb ta' implimentazzjoni u l-Ministeru għas-Saħħa wara l-bidliet fit-tfassil. 4. Il-pandemija tal-COVID-19. 5. Nuqqas ta' rieżami xieraq tad-disinn (ipprovdut mill-Ministeru għas-Saħħa) min-naħa tas-sieħeb ta' implimentazzjoni.
3	**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Infrastruttura tal-edukazzjoni**	1. L-iżvalutazzjoni tal-lira Torka meta mqabbla mal-euro wasslet għal baġit addizzjonali għall-kostruzzjoni ta' aktar skejjel. 2. Il-pandemija tal-COVID-19. 3. Inflazzjoni għolja, li wasslet għal diffikultajiet fil-ksib ta' materjali u provvisti tal-kostruzzjoni. 4. Dewmien fil-ksib ta' permessi tal-bini għal siti ta' kostruzzjoni u problemi b'atti ta' art. 5. It-terremoti tas-6 ta' Frar 2023 wasslu għal dewmien addizzjonali fl-implimentazzjoni tal-proġetti.
4	**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Infrastruttura tal-edukazzjoni**	1. L-iżvalutazzjoni tal-lira Torka meta mqabbla mal-euro wasslet għal baġit addizzjonali għall-kostruzzjoni ta' aktar skejjel. 2. Il-pandemija tal-COVID-19. 3. Inflazzjoni għolja, li wasslet għal diffikultajiet fil-ksib ta' materjali u provvisti tal-kostruzzjoni. 4. Dewmien fil-ħruġ ta' permessi tal-bini mill-awtoritajiet lokali għal xi siti tal-iskola. 5. It-terremoti tas-6 ta' Frar 2023 wasslu għal dewmien addizzjonali fl-implimentazzjoni tal-proġetti.
5	**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Infrastruttura tas-saħħa**	1. Il-Ministeru ried ibiddel il-post inizjali. 2. Ostakli għall-implimentazzjoni relatati mas-sigurtà. 3. Il-pandemija tal-COVID-19. 4. Kienu meħtieġa proċeduri ġodda ta' sejħiet għall-offerti (minħabba li kien hemm nuqqasijiet materjali u inflazzjoni għolja, ma waslux ħafna applikazzjonijiet jew kien hemm bżonn li l-offerti jiġu riveduti). 5. L-ilma ta' taħt l-art ġie identifikat matul ix-xogħlijiet ta' skavar minħabba n-nuqqas ta' stħarriġ ġeoloġiku xieraq matul il-fażi tad-disinn. 6. Ir-Regolament il-ġdid tal-2018 dwar it-terremoti wassal għal bidliet strutturali fid-disinn.

Numru tal-proġett	Tip ta' Sieħeb ta' Implimentazzjoni	Raġunijiet għad-dewmien fl-implimentazzjoni
6	**NGO Internazzjonali – Edukazzjoni**	1. Dewmien inizjali minħabba bidliet fl-ambjent tax-xogħol tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fit-Turkija. 2. L-universitajiet, minħabba l-bidla fil-ministeri, kienu jirrikjedu kooperazzjoni legali uffiċjali ma' SPARK, qabel l-istabbiliment ta' kumitati tal-istudenti u operazzjonijiet fuq il-kampusijiet universitarji.
7	**Organizzazzjoni Nazzjonali – Appoġġ soċjoekonomiku**	1. Dewmien fil-proċeduri ta' reklutaġġ (l-istabbiliment tat-tim tal-proġett). 2. Ma seta' jiġi ffirmat l-ebda ftehim ta' kooperazzjoni mal-Ministeru, u lanqas ma' ISKUR (aġenzija nazzjonali tal-impjiegi). 3. Sitwazzjoni ekonomika diffiċli (inflazzjoni għolja, qgħad għoli; sfidi relatati mal-pandemija tal-COVID-19). 4. It-twettiq tal-analiżi tas-suq ħa aktar żmien milli mistenni. 5. Miri ambizzjuż żżejjed li ma setgħux jintlaħqu fi ħdan il-perjodu inizjali tal-proġett. 6. Valutazzjoni mhux korretta tas-sitwazzjoni fuq il-post min-naħa tas-sieħeb ta' implimentazzjoni, billi kien aktar diffiċli milli mistenni li tiġi traċċata *data* dwar ir-refuġjati Sirjani. 7. Is-sitwazzjoni ekonomika wasslet biex l-impjegaturi ma kinux lesti li jimpjegaw ħaddiema ġodda u s-settur privat isibha aktar bi tqila biex iżid il-kapaċità tar-riżorsi umani tiegħu.
8	**Korp Pubbliku – Edukazzjoni**	1. Minħabba d-deprezzament tal-lira Torka, saru disponibbli fondi għal aktar attivitajiet. Għalhekk, l-implimentazzjoni tal-proġett ġiet estiża.
9	**Korp Pubbliku – Saħħa**	1. Dewmien fil-proċeduri ta' akkwist minħabba diffikultajiet fir-rekwiżiti rigward l-oriġini tal-UE u l-inflazzjoni. 2. L-ebda żieda fil-baġit billi l-iffrankar kien sar minħabba t-telf fir-rata tal-kambju tal-lira Torka meta mqabbla mal-euro. 3. Problemi ta' reklutaġġ fil-bidu tal-proġett. 4. Il-pandemija tal-COVID-19.
10	**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Infrastruttura muniċipali**	1. Nuqqas ta' kapaċità min-naħa tal-ILBANK biex jittratta dan it-tip ta' proġett. 2. L-Uffiċċju tal-Ittestjar u l-Ispezzjoni ħa kważi sentejn biex jirrieżamina u jiffinalizza disa' sottoproġetti. 3. Infetħu ħames kawżi fil-qorti għal ħames irqajja' art milquta. 4. Id-dokumenti ta' identifikazzjoni tal-proġett kellhom jiġu aġġornati wara l-emenda tal-leġiżlazzjoni tat-Turkija dwar il-protezzjoni mit-terremoti, li daħlet fis-seħħ fl-2018. 5. Il-COVID-19 (wassal għal dewmien ta' bejn sitt xhur u sena, billi kien diffiċli ħafna li jsiru żjarat fis-siti tal-proġetti u l-persunal tal-muniċipalità ma kienx responsiv ħafna fir-rigward tal-forniment ta' dokumenti amministrattivi). 6. Diffikultajiet u dewmien fir-reklutaġġ ta' konsulenti. 7. Diffikultajiet u dewmien fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni u viżibbiltà. 8. It-terremoti tas-6 ta' Frar 2023 wasslu għal dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-proġett.

Numru tal-proġett	Tip ta' Sieħeb ta' Implimentazzjoni	Raġunijiet għad-dewmien fl-implimentazzjoni
11	**Organizzazzjoni Internazzjonali – Appoġġ soċjoekonomiku**	1. Żewġ skemi ta' għotjiet ġew emendati sa tmiem l-2020, li l-kalendarju ta' implimentazzjoni, monitoraġġ u għeluq tagħhom kien jeħtieġ żmien addizzjonali. 2. Is-sitwazzjoni u l-konsegwenzi fit-tul u mhux previsti tal-COVID-19 fit-Turkija naqqsu r-ritmu tal-implimentazzjoni. 3. L-impatt devastanti tat-terremoti tas-6 ta' Frar 2023 f'Kahramanmaraş u l-effetti tiegħu fuq l-attivitajiet kollha tal-proġett implimentati fir-reġjun.
12	**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Infrastruttura tas-saħħa**	1. Nuqqas ta' kapaċità u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa. 2. Is-sieħeb ta' implimentazzjoni kien jeħtieġ li jevalwa mill-ġdid il-postijiet magħżula mill-Ministeru għas-Saħħa għall-kostruzzjoni taċ-ċentri (estiżi) tas-saħħa tal-migranti. 3. Kombinament ta' inflazzjoni għolja, il-pandemija tal-COVID-19 u deterjorament fil-kundizzjonijiet ekonomiċi. 4. Nuqqas ta' komunikazzjoni u nuqqas ta' obbligu ta' rendikont għaż-żamma tad-dati ta' skadenza fost il-partijiet kollha involuti. 5. It-terremoti tas-6 ta' Frar 2023 wasslu għal dewmien addizzjonali sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-proġett.
13	**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Infrastruttura muniċipali**	1. Bidliet fid-disinn (nuqqas ta' dettall fit-tpinġijiet tekniċi f'xi każijiet u bidliet fid-disinji tax-xogħol proposti biex jadattaw għar-regolamenti Torok aġġornati dwar ir-reżiljenza għat-terremoti). 2. L-iffirmar tard tal-ftehim bejn is-sieħeb ta' implimentazzjoni u l-UE minħabba n-negozjar mill-ġdid tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija Finali. 3. Iffirmar tard tal-Ftehim ta' Self u Għotja mill-Gvern u l-ILBANK. 4. Il-pandemija tal-COVID-19 (l-ebda żjara fuq il-post jew investigazzjoni fuq il-post). 5. Dewmien fl-ikkompletar tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjali għal xi kuntratti, minħabba l-kwalità tad-dokumenti, li kien jirrikjedi diversi rieżamijiet. 6. It-terremoti tas-6 ta' Frar 2023 wasslu għal dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-proġett.
14	**Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Appoġġ soċjoekonomiku**	1. Diskussjonijiet bejn is-sieħeb ta' implimentazzjoni u l-Ministeru għax-Xogħol u s-Servizzi Soċjali dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali ġenerali. In-negozjati damu 20 xahar. 2. Il-Ministeru għax-Xogħol u s-Servizzi Soċjali ma kienx sodisfatt bil-kompożizzjoni tat-tim tal-proġett tas-sieħeb ta' implimentazzjoni. Il-kooperazzjoni setgħet titkompla biss ladarba s-sieħeb ta' implimentazzjoni kien biddel it-tim tal-proġett tiegħu.

Sors: il-QEA, abbażi ta' dokumenti dwar il-proġetti tal-FRIT.

Anness VIII – Valutazzjoni tal-proġetti

Numru tal-proġett	Tip ta' Sieħeb ta' Implimentazzjoni	Valutazzjoni tal-ħtiġijiet	Tempestività tal-azzjoni	Kosteffettività	Monitoraġġ	Riżultati	Sostenibbiltà
1	NGO Internazzjonali – Saħħa/ Appoġġ soċjoekonomiku						
2	Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Infrastruttura tas-saħħa						
3	Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Infrastruttura tal-edukazzjoni						
4	Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Infrastruttura tal-edukazzjoni						
5	Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Infrastruttura tas-saħħa						
6	NGO Internazzjonali – Edukazzjoni						
7	Organizzazzjoni Nazzjonali – Appoġġ soċjoekonomiku						
8	Korp Pubbliku – Edukazzjoni						
9	Korp Pubbliku – Saħħa						
10	Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Infrastruttura muniċipali						
11	Organizzazzjoni Internazzjonali – Appoġġ soċjoekonomiku						
12	Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Infrastruttura tas-saħħa						
13	Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Infrastruttura muniċipali						
14	Istituzzjoni Finanzjarja Internazzjonali – Appoġġ soċjoekonomiku						

	Valutazzjoni tal-ħtiġijiet	Tempestività tal-azzjoni	Kosteffettività	Monitoraġġ	Riżultati	Sostenibbiltà
Tajbin	L-objettivi u l-attivitajiet tal-proġett ġew allinjati bis-sħiħ mal-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet tal-2016 u l-2018 [1]	L-ebda dewmien. Il-proġett ġie kkompletat sad-data ppjanata	Ir-raġonevolezza tal-kostijiet ġiet ivvalutata u ddokumentata	Il-qafas ta' rappurtar u monitoraġġ ikejjel l-outputs u l-eżiti	Ir-riżultati ppjanati kollha nkisbu	Il-proġett sar sostenibbli (jew x'aktarx li jkun sostenibbli) malli ġie kkompletat
Sodisfaċenti	L-objettivi u l-attivitajiet tal-proġett ġew allinjati mal-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet tal-2016 u l-2018[1] fl-aspetti sinifikanti kollha	L-implimentazzjoni tal-proġett iltaqgħet ma' dewmien, iżda dan ġie indirizzati b'mod adegwat	Ir-raġonevolezza tal-kostijiet ġiet ivvalutata iżda ma ġietx iddokumentata biżżejjed	Il-qafas ta' rappurtar u monitoraġġ ikejjel l-outputs iżda mhux l-eżiti	Il-bidċa l-kbira mir-riżultati ppjanati nkisbu	Il-proġett huwa sostenibbli minkejja nuqqas ta' strateġija ta' sostenibbiltà
Xi dgħufijiet	L-objettivi tal-proġett jikkonformaw mal-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet fil-bidċa l-kbira mill-aspetti, iżda l-attivitajiet tal-proġett mhumiex allinjati magħhom fl-aspetti kollha	L-implimentazzjoni tal-proġett iltaqgħet ma' xi dewmien, li ma ġiex indirizzat b'mod effettiv jew f'waqtu	Ir-raġonevolezza tal-kostijiet ma ġietx ivvalutata b'mod sistematiku u ma ġietx iddokumentata b'mod adegwat	Il-qafas ta' rappurtar u monitoraġġ ikejjel l-outputs iżda mhux l-eżiti, u l-azzjoni ta' segwitu ma tteħdietx b'mod f'waqtu	Diversi riżultati ppjanati ma nkisbux	Ma tħejjiet l-ebda strateġija ta' sostenibbiltà, u l-attivitajiet tal-proġett mhumiex sostenibbli
Mhux sodisfaċenti	L-objettivi u l-attivitajiet tal-proġett mhumiex allinjati mal-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet	L-implimentazzjoni tal-proġett iltaqgħet ma' diversi każijiet ta' dewmien, li ma ġewx indirizzati b'mod effettiv u f'waqtu	Il-baġit ma kellux dettall dwar l-attivitajiet tal-proġett, u dan ifisser li l-valutazzjoni tal-kostijiet mhijiex fattibbli	Il-qafas ta' rappurtar u monitoraġġ ma jkejjilx l-outputs jew l-eżiti	Il-bidċa l-kbira mir-riżultati ppjanati ma nkisbux	Proġett mhux sostenibbli
Għadu mhuwiex possibbli li tinsilet konklużjoni						

[1] Fl-2016, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal azzjonijiet fuq terminu qasir u medju sa twil bħala bażi għal appoġġ imsaħħaħ tal-UE għat-Turkija dwar il-kriżi tar-refuġjati. Din ġiet aġġornata fl-2018.
https://neighbourhood-enlargement.ec.europa.eu/system/files/2018-12/2016_needs_assessment_.pdf
https://neighbourhood-enlargement.ec.europa.eu/system/files/2018-12/updated_needs_assessment.pdf

Sors: il-QEA, abbażi ta' dokumenti dwar il-proġetti tal-FRIT.

Abbrevjazzjonijiet

CCTE: Trasferiment Kundizzjonali ta' Flus għall-Edukazzjoni

C-ESSN: Xibka Komplementari ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza

DĠ ECHO: Id-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej

DĠ NEAR: Id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir

ESSN: Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza

FRIT: Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija

IPA: Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni

MHU: Unità tas-saħħa tal-migranti

PICTES: Il-promozzjoni tal-Integrazzjoni tat-Tfal Sirjani fis-Sistema Edukattiva Torka

PIKTES: Il-promozzjoni tal-Integrazzjoni tat-Tfal Sirjani fis-Sistema Edukattiva Torka

SHIFA: Tisħiħ tal-Infrastruttura tas-Saħħa għal Kulħadd

SIHHAT: Titjib tal-Istatus tas-Saħħa tal-Popolazzjoni Sirjana taħt Protezzjoni Temporanja u Servizzi Relatati pprovduti mill-Awtoritajiet Torok

SUMAF: Appoġġ għall-Monitoraġġ ta' Azzjonijiet Iffinanzjati taħt l-FRIT

Glossarju

Eżiti: Bidla immedjata jew fuq żmien itwal li tirriżulta minn proġett, bħall-benefiċċji li jirriżultaw minn forza tax-xogħol imħarrġa aħjar, jew konnessjonijiet tat-trasport imtejba.

Ġestjoni diretta: B'mod ġenerali, ġestjoni ta' fond jew ta' programm tal-UE li titwettaq mill-Kummissjoni waħidha, għall-kuntrarju ta' ġestjoni kondiviża jew ġestjoni indiretta. Fil-każ tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija, il-proġetti taħt ġestjoni diretta jiġu implimentati mill-Gvern Tork.

Ġestjoni indiretta: Metodu ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, li permezz tiegħu l-Kummissjoni tinkariga lil entitajiet oħra (bħal organizzazzjonijiet nongovernattivi u internazzjonali) b'kompiti ta' implimentazzjoni.

Impatt: Il-konsegwenzi usa' fit-tul ta' proġett jew programm ikkompletat, bħall-benefiċċji soċjoekonomiċi għall-popolazzjoni kollha.

Kosteffettività: Il-ksib tal-eżiti intenzjonati b'rabta mal-kostijiet.

Output: Dak li jiġi prodott jew li jinkiseb minn proġett, bħat-twassil ta' kors ta' taħriġ jew il-kostruzzjoni ta' triq.

Proġett ta' assistenza fi flus kontanti: Proġett li jinvolvi t-trasferiment dirett ta' flus lir-riċevituri finali.

Qafas loġiku: Għodda dettaljata ta' ppjanar li tkopri l-implimentazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' proġett.

Valutazzjoni tal-pilastri: Valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni tar-regoli u l-proċeduri applikati taħt ġestjoni indiretta biex jiġi żgurat li l-interessi finanzjarji tal-UE jiġu protetti fl-istess livell bħal dak tal-ġestjoni diretta.

Risposti tal-Kummissjoni

https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2024-06

Kronoloġija

https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2024-06

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li hija twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar bil-għan li dawn iħallu impatt massimu billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla III tal-Awditjar, Azzjoni Esterna, Sigurtà u Ġustizzja, li hija mmexxija minn Bettina Jakobsen, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Bettina Jakobsen, Membru tal-QEA, li ngħatat appoġġ minn Katja Mattfolk, Kap tal-Kabinett, u Aino Rantanen, Attaché tal-Kabinett; Pietro Puricella, Maniġer Prinċipali; Kim Hublé, Kap tal-Kompitu; Ainhoa Pérez-Infante, Erika Söveges u Luis Vicente, Awdituri. Michael Pyper ipprovda appoġġ lingwistiku. Alexandra Mazilu pprovdiet appoġġ grafiku.



Bettina Jakobsen



Katja Mattfolk



Aino Rantanen



Pietro Puricella



Luis Vicente



Alexandra Mazilu



Michael Pyper

DRITT TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2024

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA dwar il-politika tad-data miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti mħeġġeġ tirrevedi l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-1825-6	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/714503	QJ-AB-24-005-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-1850-8	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/674845	QJ-AB-24-005-MT-N

Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija twassal l-appoġġ lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fit-Turkija. Wettaqna segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li għamilna fl-2018 u eżaminajna jekk il-Faċilità pprovdietx appoġġ effiċjenti u effettiv. Sibna li hija pprovdiet appoġġ rilevanti f'ċirkustanzi diffiċli u li l-Kummissjoni kienet tejbet il-ġestjoni tal-Faċilità billi implimentat ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna. Il-proġetti awditjati kollha indirizzaw il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji u kienu qed iwasslu l-outputs ippjanati tagħhom, iżda l-implimentazzjoni ddewmet b'mod sinifikanti għal diversi raġunijiet. Ma saret l-ebda valutazzjoni sistematika tal-kostijiet tal-proġetti, u l-kejl tal-impatt kien insuffiċjenti. Is-sostenibbiltà ġiet żgurata biss għall-proġetti ta' infrastruttura. Nikkonkludu li l-Faċilità setgħet tikseb valur akbar għall-flus u impatt dimostrabbli, u nagħmlu rakkomandazzjonijiet għal azzjoni futura.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors